IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2016
COM(2016) 107 final

2016/0060 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SFOND TAL-PROPOSTA

1.1. Sfond ġenerali

L-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni għandha tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi legali u t-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri. Il-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu jistabbilixxi li l-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili. L-Artikolu 81 tal-istess Trattat jirreferi espliċitament għal miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw "ir-rikonoxximent reċiproku bejn Stati Membri u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji" kif ukoll "il-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-kunflitt tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjoni". Fuq din il-bażi, diġà ġew adottati diversi strumenti, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma jkopri l-konsegwenzi materjali tas-sħubijiet irreġistrati.

Il-programm dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, li ġie adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2000[1], kien jipprovdi għat-tfassil ta' leġiżlazzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-"reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-konsegwenzi patrimonjali tas-separazzjoni ta' koppji mhux miżżewġin". Il-Programm tal-Aja[2], li kien adottat mill-Kunsill Ewropew fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, stabbilixxa l-implimentazzjoni tal-programm ta' rikonoxximent reċiproku bħala prijorità ewlenija u talab lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta Green Paper dwar "il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, inkluża b'mod partikolari l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku", u kien enfasizza l-ħtieġa li sal-2011 tiġi adottata din il-leġiżlazzjoni.

Il-programm ta' Stokkolma, li ġie adottat fil-11 ta' Diċembru 2009 mill-Kunsill Ewropew, isemmi wkoll li r-rikonoxximent reċiproku għandu jiġi estiż għar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u għall-konsegwenzi patrimonjali tas-separazzjoni ta' koppji mhux miżżewġin.

Fir-"Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE", li ġie adottat fis-27 ta' Ottubru 2010[3], il-Kummissjoni identifikat l-inċertezza fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà ta' koppji internazzjonali bħala wieħed mill-ostakoli prinċipali li jiffaċċaw iċ-ċittadini tal-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mill-UE bejn il-fruntieri nazzjonali. Biex tirranġa din is-sitwazzjoni, hija ħabbret li fl-2011 kienet se tadotta proposta għal leġiżlazzjoni sabiex tagħmilha aktar faċli għall-koppji internazzjonali (miżżewġin jew sħab irreġistrati) li jkunu jafu liema qrati kellhom il-ġuriżdizzjoni u liema liġi kienet tapplika għad-drittijiet tagħhom fuq il-proprjetà.

Fis-16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat proposta[4] għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-

[1] ĠU L 12, 15.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 53, 3.3.2005, p. 1.
[3] COM(2010) 603.
[4] COM (2011) 126.

reġimi matrimonjali u proposta[5] għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet irreġistrati[6].

Il-bażi ġuridika għar-Regolamenti tal-Kunsill proposti kienet l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-proposti kienu jirrigwardaw il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkopru "aspetti relatati mal-liġi tal-familja". Taħt din il-bażi ġuridika, il-miżuri huma adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Settembru 2013[7].

Il-proposti tal-Kummissjoni ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (ir-Reġimi tal-proprjetà matrimonjali kif ukoll l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati) sal-aħħar tal-2014. F'Diċembru 2014, il-Kunsill iddeċieda li jagħti perjodu ta' riflessjoni lil dawk l-Istati Membri li baqgħu jkollhom diffikultajiet; dan il-perjodu, madankollu, m'għandux idum għal aktar minn sena. Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill ikkonkluda li ma setgħet tintlaħaq l-ebda unanimità għall-adozzjoni tal-proposti għal regolamenti dwar ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u li għalhekk l-objettivi tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam ma jistgħux jinkisbu f'perjodu ta' żmien raġonevoli mill-Unjoni kollha. Il-Kunsill innota wkoll li bosta Stati Membri esprimew id-disponibbiltà tagħhom sabiex jikkunsidraw b'mod pożittiv l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mtejba dwar il-kwistjonijiet koperti mill-proposti.

Minn Diċembru 2015 sa Frar 2016, 17-il Stat Membru[8] indirizzaw rikjesta lill-Kummissjoni fejn indikaw li xtaqu jistabbilixxu kooperazzjoni mtejba bejniethom fil-qasam tar-reġimi patrimonjali tal-koppji internazzjonali u, speċifikament, fil-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, u talbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill għal dak l-għan.

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni mtejba fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi patrimonjali tal-koppji internazzjonali, li tkopri kemm kwistjonijiet ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali kif ukoll l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati; din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u l-proposta parallela għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali, li t-tnejn li huma jimplimentaw il-kooperazzjoni mtejba u ġew adottati mill-Kummissjoni fl-istess żmien, huma t-tweġiba tal-Kummissjoni għat-talba minn 17-il Stat Membru (minn hawn 'il quddiem: "l-Istati Membri parteċipanti"). Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tinkludi fiha valutazzjoni dettaljata tal-kundizzjonijiet legali li jirregolaw, kif ukoll tal-idoneità, tal-introduzzjoni ta' kooperazzjoni mtejba

---

5 COM (2011) 127.

6 Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament propost u ma kinitx marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Skont l-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll fuq il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattati, l-Irlanda u r-Renju Unit ma avżawx bix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament propost.

7 A7-0253/2013

8 L-Iżvezja, il-Belġju, il-Greċja, il-Kroazja, is-Slovenja, Spanja, Franza, il-Portugall, l-Italja, Malta, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Bulgarija u l-Finlandja.

fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi patrimonjali ta' koppji internazzjonali, li tkopri kemm kwistjonijiet ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali kif ukoll l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati;

1.2. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Iż-żieda fil-mobilità tal-persuni fi ħdan żona mingħajr fruntieri interni ġġib magħha żieda sinifikanti fin-numru ta' koppji, tkun xi tkun is-sura tagħhom, bejn ċittadini ta' Stati Membri differenti li jgħixu fi Stat Membru differenti minn tagħhom jew jakkwistaw proprjetà f'iktar minn Stat Membru wieħed. Studju mwettaq mill-konsorzju ASSER-UCL fl-2003[9] wera n-numru kbir ta' koppji transnazzjonali fi ħdan l-Unjoni u d-diffikultajiet prattiċi u ġuridiċi li jiffaċċjaw dawn il-koppji, kemm fil-ġestjoni ta' kuljum tal-proprjetà tagħhom kif ukoll fil-qsim tagħha jekk il-koppja tissepara jew imut wieħed mill-membri tagħha. Filwaqt li ż-żwieġ huwa l-aktar forma komuni ta' koppja, tfaċċaw forom ġodda ta' unjoni, fosthom is-sħubija reġistrata, li biha żewġ persuni f'relazzjoni stabbli jirreġistraw b'mod formali l-unjoni tagħhom ma' awtorità pubblika. Id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom koppji fi sħubija reġistrata ta' spiss jirriżultaw mid-differenzi kbar bejn ir-regoli applikabbli - kemm ir-regoli tad-dritt sostantiv u dawk tad-dritt internazzjonali privat - li jirregolaw il-qasam tal-effetti patrimonjali ta' dawn l-unjonijiet.

Minħabba l-karatteristiċi li jiddistingwu s-sħubijiet reġistrati u ż-żwieġ u l-konsegwenzi legali differenti li jirriżultaw minn dawn il-forom ta' unjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta żewġ proposti separati għal Regolamenti: waħda dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, u l-oħra dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali. Dawn iż-żewġ proposti huma l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-kooperazzjoni mtejba stabbilita fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi patrimonjali tal-koppji internazzjonali, li tkopri kemm kwistjonijiet ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali kif ukoll l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas legali ċar fl-Unjoni Ewropea sabiex jiġu determinati l-ġuriżdizzjoni tal-qorti u l-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u li tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti dwar din il-kwistjoni fost l-Istati Membri.

2. IR-RIŻULTAT TAL-KONSULTAZZJONIJIET – VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Qabel ma tfasslet il-proposta tal-Kummissjoni tal-2011, kienet saret konsultazzjoni wiesgħa mal-Istati Membri, ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u mal-pubbliku. B'segwitu għall-istudju li sar fl-2003, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper fis-17 ta' Lulju 2006 dwar il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet matrimonjali[10], inkluża b'mod partikolari l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku, li nediet konsultazzjonijiet wiesgħa dwar is-suġġett. Il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti magħruf bħala PRM/III, sabiex iħejji l-proposta. Dan il-grupp kien magħmul minn esperti li kienu jirrappreżentaw il-firxa ta' professjonijiet ikkonċernati u t-tradizzjonijiet legali Ewropej differenti; huwa ltaqa' ħames darbiet bejn l-2008 u l-2010. Il-Kummissjoni żammet ukoll konsultazzjoni pubblika fit-28 ta' Settembru 2009 li nvolviet madwar

[9] Konsorzju ASSER-UCL, *Study in comparative law on the rules governing conflicts of jurisdiction and laws on matrimonial property regimes and the implementation for property issues of the separation of unmarried couples in the Member States*.
Ara: http://europa.eu.int/comm/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

[10] COM(2006) 400.

mitt parteċipant. Id-dibattiti kkonfermaw il-ħtieġa ta' strument tal-UE f'dan il-qasam li jkopri b'mod partikolari l-liġi applikabbli, il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet. Fit-23 ta' Marzu 2010 saret laqgħa ma' esperti nazzjonali sabiex jiġu diskussi l-punti ġenerali tal-proposta li kienet qed tiġi mħejjija. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni wettqet studju konġunt tal-impatt dwar il-proposti għal regolamenti dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u dwar ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali.

Iż-żewġ proposti ġodda dwar ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jinkludu soluzzjonijiet simili għal dawk ippreżentati fil-proposti tal-2011 li jieħdu kont tad-diskussjonijiet fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew sal-aħħar tal-2015.

3. L-ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jagħti lill-Kunsill is-setgħa li jadotta miżuri dwar il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri, b'unanimità, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

Kif inhu l-każ għar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali, ir-relazzjonijiet patrimonjali bejn sħab irreġistrati u bejn is-sħab u partijiet terzi, joħorġu mill-eżistenza preċedenti tas-sħubija reġistrata. L-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jinħolqu bir-reġistrazzjoni tas-sħubija – bħalma r-reġim matrimonjali jinħoloq biż-żwieġ - u jisparixxu max-xoljiment tagħha. Billi jirreġistraw is-sħubija tagħhom ma' awtorità pubblika, l-imsieħba jistabbilixxu relazzjoni stabbli u rikonoxxuta legalment bejniethom. Ħafna mill-Istati Membri b'dispożizzjonijiet legali għas-sħubijiet, jagħmlu r-regoli kemm jista' jkun simili għal dawk taż-żwieġ.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi stabbilit sett komprensiv ta' regoli tad-dritt internazzjonali privat applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Għalhekk hija tittratta kwistjonijiet tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata. Ir-regoli proposti jikkonċernaw biss każijiet transfruntiera. Għaldaqstant ir-rekwiżit ta' implikazzjonijiet transkonfinali previst fl-Artikolu 81(3) hu ssodisfat. Din il-proposta tikkonċerna biss l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata u ma tiddefinix l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata u lanqas ma timponi r-rikonoxximent ta' sħubija reġistrata fi Stat Membru ieħor.

3.2. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà

L-għanijiet ta' din il-Proposta jistgħu jintlaħqu biss permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, regoli li għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri parteċipanti kollha sabiex jiggarantixxu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà għaċ-ċittadini. Azzjoni unilaterali mill-Istati Membri għalhekk tmur kontra dan l-għan. F'dan il-kuntest ma japplika l-ebda ftehim internazzjonali għajr il-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' sħubijiet reġistrati tal-5 ta' Settembru 2007 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istat Ċivili. Madankollu, din il-Konvenzjoni tkopri biss ir-rikonoxximent tas-sħubijiet u għadha ma daħlitx fis-seħħ, u għalhekk mhijiex probabbli li se toffri s-soluzzjonijiet meħtieġa fid-dawl tal-kobor tal-problemi indirizzati minn din il-Proposta, kif żvelat kemm mill-istudju tal-impatt kif ukoll mis-seduti pubbliċi. Minħabba n-natura u d-daqs tal-problemi li qed jiffaċċaw iċ-ċittadini tal-Unjoni, l-għanijiet tal-proposta jistgħu jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni.

3.3. Il-prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità billi hija strettament limitata għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Hija ma tippruvax tarmonizza l-liġijiet sustantivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u ma taffettwax il-mod kif tiġi intaxxata l-likwidazzjoni tal-proprjetà tas-sħubijiet reġistrati mill-Istati Membri. Din il-proposta mhi se tinvolvi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq iċ-ċittadini u se tinvolvi biss piż addizzjonali limitat ħafna fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

3.4. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Skont l-istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali min-naħa tal-Unjoni Ewropea[11], il-Kummissjoni vverifikat li l-proposta tikkonforma mad-drittijiet stabbiliti fil-Karta.

Hija ma taffettwax id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja u d-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, kif previst fl-Artikoli 7 u 9 tal-Karta.

Id-dritt għall-proprjetà, imsemmi fl-Artikolu 17 tal-Karta, huwa msaħħaħ. Il-prevedibbiltà tal-liġi applikabbli għall-proprjetà kollha tal-koppja fil-fatt se tippermetti lis-sħab li jgawdu b'mod aktar sħiħ id-drittijiet tagħhom ta' proprjetà.

Il-Kummissjoni ċċekkjat ukoll li l-proposta tikkonforma mal-Artikolu 9 tal-Karta dwar id-dritt għat-twaqqif ta' familja f'konformità mal-liġijiet nazzjonali, u mal-Artikolu 21 tal-Karta, li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-proposta żżid l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja fl-UE, b'mod partikolari, għall-koppji li jinsabu fi sħubija reġistrata. Hija tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. Billi jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi sabiex tiġi determinata l-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni, jistgħu jiġu evitati proċedimenti u appelli paralleli preċipitati mill-aktar parti attiva.

3.5. Għażla tal-istrument

Il-ħtieġa ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà titlob regoli ċari u uniformi, u għalhekk titlob li l-leġiżlazzjoni tieħu l-forma ta' regolament. Ir-regoli proposti dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u ċ-ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet huma stabbiliti b'mod ċar u fid-dettall, u ma jirrikjedu l-ebda traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. L-għanijiet taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà jiġu kompromessi jekk l-Istati Membri jkollhom marġni ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tar-regoli.

4. L-IMPATT BAĠITARJU, IS-SIMPLIFIKAZZJONI U L-KONSISTENZA MA' POLITIKI OĦRA TAL-UNJONI

4.1. Impatt fuq il-baġit

Din il-proposta mhi se jkollha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

4.2. Simplifikazzjoni

L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni se tissemplifika konsiderevolment il-proċeduri billi tippermetti li l-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tittratta l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet

[11] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, COM(2010) 573 tad-19.10.2010.

reġistrati ti determinata abbażi ta' regoli komuni. Jekk il-qrati li jkunu qegħdin jisimgħu it-tmiem tas-sħubija jew każ ta' suċċessjoni wara l-mewt ta' wieħed mis-sħab, fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, ikollhom il-ġuriżdizzjoni tagħhom estiża għall-proċedimenti relatati dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubija, iċ-ċittadini se jkunu jistgħu jkollhom l-istess qorti tittratta l-aspetti kollha tas-sitwazzjoni tagħhom.

L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitti tal-liġijiet se tissemplifika b'mod konsiderevoli l-proċeduri billi tistabbilixxi liema hi l-liġi applikabbli fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' regoli li jissostitwixxi r-regoli nazzjonali differenti dwar il-kunflitti tal-liġijiet tal-Istati Membri parteċipanti.

Fl-aħħar nett, ir-regoli proposti għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti se jiffaċilitaw il-moviment taċ-ċittadini bejn Stati Membri differenti.

4.3. Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakoli li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mill-UE, kif indikat fir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, imsemmi qabel.

5. KUMMENTI DWAR L-ARTIKOLI

5.1. Kapitolu I: Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Il-kunċett ta' "effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati" irid jingħata interpretazzjoni awtonoma u jinkludi konsiderazzjonijiet relatati kemm mal-ġestjoni ta' kuljum tal-proprjetà tal-imsieħba kif ukoll il-likwidazzjoni tal-proprjetà b'riżultat tas-separazzjoni tal-koppja jew il-mewt ta' wieħed mill-membri tagħha.

Sabiex jiġu stabbiliti l-oqsma li se jkunu koperti, kien preferibbli li tiġi kkompilata lista komprensiva tal-kwistjonijiet eskluży mir-Regolament. Għalhekk, kwistjonijiet li diġà huma koperti b'Regolamenti eżistenti tal-UE, bħall-obbligi ta' manteniment[12], speċjalment bejn is-sħab, u kwistjonijiet li jirriżultaw mil-liġi tas-suċċessjoni[13], huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-Regolament ma jaffettwax l-eżistenza jew il-validità ta' sħubija reġistrata skont il-liġi nazzjonali jew ir-rikonoxximent fi Stat Membru wieħed ta' sħubija reġistrata fi Stat Membru ieħor. Ma jaffettwax lanqas kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali jew l-intitolament għal drittijiet tal-pensjoni fil-każ tax-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata.

Ir-Regolament ma jikkonċernax in-natura tad-drittijiet *in rem* fir-rigward ta' proprjetà, il-klassifikazzjoni tal-proprjetà u tad-drittijiet, jew l-istabbiliment tal-prerogattivi tad-detentur ta' tali drittijiet.

Ir-rekwiżiti biex issir entrata fir-reġistru tal-artijiet u l-effetti ta' entrata jew tan-nuqqas ta' entrata f'dan ir-reġistru huma eskluży wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

---

12 Irregolati mir-Regolament (KE) Nru 4/2009, ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.

13 Irregolati mir-Regolament (UE) Nru 650/2012, ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107.

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' konsistenza u sabiex jiġu ffaċilitati l-fehim u l-applikazzjoni uniformi tagħhom, xi definizzjonijiet ta' termini li jidhru f'dan ir-Regolament huma komuni għal strumenti oħra tal-UE li hemm fis-seħħ.

L-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, li huma l-uniku suġġett ta' dan ir-Regolament, ingħataw definizzjoni speċifika li tillimitahom għar-relazzjonijiet patrimonjali li jeżistu bejn is-sħab u bejn is-sħab u partijiet terzi, li jirriżultaw mir-relazzjoni istituzzjonalizzata maħluqa bir-reġistrazzjoni tas-sħubija.

Id-definizzjoni proposta ta' "qorti" tinkludi awtoritajiet u professjonijiet legali (bħal nutara) li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu b'delega tas-setgħa minn qorti, sabiex id-deċiżjonijiet tagħhom jiġu ttrattati bħala deċiżjonijiet tal-qorti għall-finijiet ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni fi Stat Membru differenti minn dak li jkunu ngħataw fih.

5.2. Kapitolu II: Ġuriżdizzjoni

Il-proċedimenti ġudizzjarji dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati spiss jirriżultaw mil-likwidazzjoni tal-proprjetà meta l-koppja ma tibqax teżisti, jew minħabba l-mewt ta' wieħed/waħda minnhom jew minħabba s-separazzjoni, ix-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti liċ-ċittadini li jressqu diversi proċeduri assoċjati, quddiem il-qrati tal-istess Stat Membru. Għal dan il-għan, ir-Regolament huwa mfassal biex jassigura li r-regoli għad-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati msejħa sabiex jittrattaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jkunu konformi mar-regoli eżistenti fi strumenti oħra tal-Unjoni u, b'mod partikolari, biex il-ġuriżdizzjoni tiġi kkonċentrata fuq ir-reġim patrimonjali fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu jkunu qed jisimgħu kawża dwar is-suċċessjoni ta' sieħeb jew ix-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija reġistrata.

Artikolu 4

Biex jiġi żgurat li, fil-każ tal-mewt ta' wieħed mis-sħab, il-qorti kompetenti tkun tista' tittratta kemm is-suċċessjoni tas-sieħeb deċedut kif ukoll il-likwidazzjoni tal-proprjetà tas-sħubija reġistrata, dan l-Artikolu jipprevedi li l-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni għas-suċċessjoni skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 għandu jkollha wkoll il-ġuriżdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-likwidazzjoni tar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata marbuta mas-suċċessjoni.

Artikolu 5

B'mod simili, il-qorti ta' Stat Membru li tkun qiegħda tittratta x-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija reġistrata għandha tiddeċiedi wkoll, jekk is-sħab jaqblu, fuq il-likwidazzjoni tal-proprjetà tas-sħubija reġistrata li tirriżulta mix-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata.

L-Artikoli 6 u 7

L-Artikolu 6 jipprevedi wkoll regoli li jirregolaw il-ġuriżdizzjoni li japplikaw meta l-kwistjonijiet dwar ir-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata ma jkunux marbuta mal-proċedimenti fuq is-suċċessjoni jew ix-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata (pereżempju, meta s-sħab ikunu jridu jbiddlu r-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata). Lista ta' fatturi ta' konnessjoni,

f'ordni ta' preċedenza, għandha tiddetermina l-Istat Membru li l-qrati tiegħu jkollhom il-ġuriżdizzjoni sabiex jisimgħu l-proċedimenti dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

Il-kriterji proposti jinkludu r-residenza abitwali komuni tas-sħab, l-aħħar residenza abitwali komuni tagħhom jekk wieħed/waħda minnhom ikun/tkun għadu/għadha joqgħod/toqgħod fiha jew ir-residenza abitwali tal-konvenut; dawn il-kriterji użati b'mod komuni ta' spiss jikkoinċidu mal-post fejn tkun tinsab il-proprjetà tas-sħab. Kriterju ieħor huwa n-nazzjonalità komuni tas-sħab, u l-aħħar kriterju huwa l-Istat Membru fejn tkun ġiet ikkreata s-sħubija reġistrata.

F'każijiet bħal dawn, sabiex titjieb il-prevedibilità u l-libertà tal-għażla tal-konjuġi, l-Artikolu 7 jippermetti wkoll lis-sħab jiftiehmu li l-qrati li għandhom jisimgħu l-kwistjonijiet dwar ir-reġim patrimonjali tagħhom għandhom ikunu l-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata jew il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun ġiet ikkreata s-sħubija reġistrata.

Artikolu 9

F'każijiet eċċezzjonali, il-qorti ta' Stat Membru li jkollu l-ġuriżdizzjoni tista' tirrifjuta din il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tagħha ma tipprevedix l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata. Sabiex jiġi żgurat l-aċċess tas-sħab għall-ġustizzja f'dawn il-każijiet, is-sħab jistgħu jiftiehmu li fil-proċedimenti għandhom jiddeċiedu l-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata, jew il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun ġiet ikkreata s-sħubija reġistrata. Inkella, il-kriterji stipulati mill-Artikolu 5 għandhom jiddeterminaw l-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom jiddeċiedu dwar il-kwistjoni.

Fi kwalunkwe każ, il-qorti ta' Stat Membru li jkollu l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tirrifjuta din il-ġuriżdizzjoni meta s-sħab ikunu kisbu x-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata tagħhom u dan ix-xoljiment jew l-annullament ikun jista' jiġi rikonoxxut fl-Istat Membru tal-qorti.

Artikolu 10

Fejn l-ebda Stat Membru ma jkollu ġuriżdizzjoni fl-applikazzjoni tal-artikoli preċedenti, dan l-Artikolu jiżgura lis-sħab u l-partijiet terzi interessati l-aċċess għall-ġustizzja quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn wieħed mis-sħab jew it-tnejn li huma jkollhom proprjetà immobbli. F'dawn il-każijiet, il-qrati jiddeċiedu biss fir-rigward tal-proprjetà immobbli li tinsab f'dak l-Istat Membru.

5.3. Kapitolu III: Liġi applikabbli

Artikolu 20

Il-liġi li tapplika fi kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata tista' tkun il-liġi ta' Stat Membru jew il-liġi ta' Stat mhux Membru.

Artikolu 21

L-opzjoni proposta fir-Regolament hija dik ta' skema unika: il-proprjetà kollha tas-sħab, irrispettivament min-natura tagħha (mobbli jew immobbli) u l-lokazzjoni tagħha, tkun soġġetta għall-istess liġi, jiġifieri l-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

Il-proprjetà immobbli tokkupa pożizzjoni speċjali fil-patrimonju tal-koppji, u waħda mill-opzjonijiet possibbli kienet tkun li din tiġi sottomessa għal-liġi tal-pajjiż li tkun tinsab fih (*lex situs*), u b'hekk tiġi awtorizzata l-frammentazzjoni tal-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-

sħubija reġistrata. Din is-soluzzjoni, madankollu, hija mimlija diffikultajiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-proprjetà tas-sħubija reġistrata, billi twassal għal frammentazzjoni mhux mixtieqa fl-unità tal-proprjetà tas-sħubija reġistrata (filwaqt li l-obbligazzjonijiet jibqgħu fi skema unika), u għall-applikazzjoni ta' liġijiet differenti għal proprjetajiet differenti fi ħdan ir-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata. Ir-Regolament għalhekk jipprevedi li l-liġi applikabbli għall-proprjetà tas-sħubija reġistrata, kemm jekk tkun magħżula mis-sħab jew, fin-nuqqas ta' għażla, jekk tiġi stabbilita skont dispożizzjonijiet oħra, se tapplika għall-proprjetà kollha tal-koppja, mobbli jew immobbli, irrispettivament minn fejn tkun tinsab.

Artikolu 22

Matul il-konsultazzjonijiet li saru, intlaħaq kunsens wiesa' favur l-għoti ta' ċerta libertà lill-konjuġi fl-għażla tal-liġi applikabbli għar-reġim tal-proprjetà matrimonjali tagħhom sabiex tiġi faċilitata l-ġestjoni tal-proprjetà mill-konjuġi. Il-possibilità li tiġi magħżula l-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata għandha tapplika b'mod indaqs għas-sħab reġistrati. Din l-opzjoni għandha tiġi regolata b'mod ċar sabiex jiġi evitat li l-liġi magħżula ftit ikollha relazzjoni mas-sitwazzjoni reali jew l-istorja tal-koppja: il-liġi magħżula għalhekk għandha tkun il-liġi tar-residenza abitwali jew tan-nazzjonalità tas-sħab jew tas-sħab futuri jew ta' wieħed minnhom, jew il-liġi tal-Istat fejn ġiet maħluqa s-sħubija reġistrata.

Minbarra l-possibbiltà li s-sħab jagħżlu l-liġi applikabbli fil-mument tal-ħolqien tas-sħubija reġistrata tagħhom, dan l-Artikolu jipprovdi biex għażla bħal din issir iktar tard. Bl-istess mod, is-sħab li jkunu għażlu l-liġi applikabbli fil-mument tal-ħolqien tas-sħubija reġistrata tagħhom, jistgħu aktar tard jiddeċiedu li jibdlu din il-liġi. Jekk is-sħab jiddeċiedu li jibdlu l-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tagħhom, huma jistgħu jagħżlu biss waħda mil-liġijiet li setgħu jagħżlu fi żmien il-ħolqien tas-sħubija reġistrata tagħhom.

Hija possibbli biss bidla volontarja tal-liġi applikabbli. Ir-Regolament ma jipprovdi għall-ebda bidla awtomatika tal-liġi applikabbli mingħajr ma s-sħab ikunu esprimew il-kunsens tagħhom għal tali bidla jew mingħajr ma jkunu ġew informati dwarha, sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali.

Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li bidla fil-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata jkollha effetti mhux mixtieqa fuq is-sħab, tali bidla għandha tkun effettiva biss fil-futur, sakemm is-sħab ma jiddeċidux li tali bidla għandha tkun waħda ta' natura retroattiva.

Id-drittijiet ta' partijiet terzi li l-interessi tagħhom jistgħu jiġu ppreġudikati b'bidla fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata huma mħarsa: ir-Regolament jipprevedi li l-effetti ta' bidla retroattiva fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata ma jistgħux jaffettwaw b'mod negattiv id-drittijiet ta' partijiet terzi.

Artikoli 23 sa 25

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mis-sħab li jagħżlu l-liġi applikabbli u jiftiehmu fuq ir-reġim patrimonjali tagħhom permezz ta' ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija.

Artikolu 26

Meta s-sħab ma jagħżlux il-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata, huwa importanti li jkun hemm regoli komuni fl-Istati Membri parteċipanti biex jiġi determinat liema liġi hija applikabbli fin-nuqqas ta' għażla mis-sħab. Il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-Istat fejn

tkun inħolqot is-sħubija reġistrata. Madankollu, b'mod eċċezzjonali, wieħed mis-sħab jista' jitlob lill-qorti li l-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-Istat fejn is-sħab kellhom l-aħħar residenza abitwali komuni.

Artikoli 27 u 28

Ir-Regolament jelenka wħud mill-kwistjonijiet li għandhom jiġu regolati mil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata. Dawn il-kwistjonijiet jinkludu l-likwidazzjoni tal-proprjetà u wkoll l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq ir-relazzjonijiet bejn sieħeb u parti terza. Madankollu, sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-persuni terzi, ir-Regolament jipprevedi li sieħeb ma jistax jinvoka l-liġi applikabbli kontra parti terza f'tilwima sakemm il-parti terza ma tkunx taf jew kellha tkun taf il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata. Ir-Regolament jispeċifika l-każijiet fejn għandu jiġi kkunsidrat li l-parti terza kienet taf jew kellha tkun taf l-liġi applikabbli li tirregola l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

Artikolu 29

Sabiex tqis ir-regoli nazzjonali dwar il-ħarsien tad-dar matrimonjali, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri li jwarrbu l-applikazzjoni ta' liġi barranija, sabiex jiffavorixxu l-liġi tagħhom stess. Għaldaqstant, sabiex jipproteġi d-dar matrimonjali, l-Istat Membru fejn tkun tinsab id-dar jista' japplika r-regoli proprji tiegħu għall-protezzjoni tad-dar matrimonjali. F'każijiet eċċezzjonali, dan l-Istat Membru jista' japplika l-liġi proprja tiegħu għall-persuni kollha li jkunu qegħdin jgħixu fit-territorju tiegħu, bi "preferenza" għal-liġi li normalment tapplika jew dik ta' ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija li jkun ġie konkluż fi Stat Membru ieħor.

5.4. Kapitolu IV: Rikonoxximent, eżekutorjetà u eżekuzzjoni

Ir-Regolament propost jipprovdi għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' deċiżjonijiet, atti awtentiċi u soluzzjonijiet bil-qorti fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. B'hekk dan joħloq rikonoxximent reċiproku, imsejjes fuq il-fiduċja reċiproka li tirriżulta mill-integrazzjoni tal-Istati Membri fi ħdan l-Unjoni.

Din iċ-ċirkolazzjoni libera tieħu l-forma taʼ proċedura uniformi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, l-atti awtentiċi u s-soluzzjonijiet bil-qorti li joriġinaw fi Stat Membru ieħor. Din il-proċedura tissostitwixxi l-proċeduri nazzjonali li qegħdin fis-seħħ bħalissa fl-Istati Membri differenti. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għar-rifjut ta' eżekuzzjoni huma armonizzati wkoll f'livell tal-Unjoni jew imnaqqsa għall-minimu assolut. Dawn jissostitwixxu r-raġunijiet varji, u ħafna drabi aktar wiesgħa, li attwalment jeżistu fuq livell nazzjonali.

Deċiżjonijiet

Ir-regoli proposti dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi jaqblu ma' dawk kontenuti fir-Regolament Nru 650/2012 dwar is-suċċessjoni. Għalhekk, jistgħu jirreferu għall-proċedura ta' exequatur stipulata f'dak ir-Regolament. Dan ifisser li kwalunkwe deċiżjoni ta' Stat Membru tiġi rikonoxxuta fi Stati Membri oħra mingħajr l-ebda proċedura speċjali u li, sabiex deċiżjoni tiġi eżegwita fi Stat Membru ieħor, l-applikanti jkollhom isegwu proċedura uniformi fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni biex jiksbu dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà. Il-proċedura hija unilaterali u inizjalment hija limitata għal verifika tad-dokumenti. Huwa biss fi stadju ulterjuri, jekk il-konvenut ikun oġġezzjona, li l-imħallef jipproċedi sabiex jikkunsidra r-raġunijiet possibbli għar-rifjut. Dan joffri protezzjoni xierqa tad-drittijiet tal-konvenuti.

Dawn ir-regoli huma pass kbir 'il quddiem meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali. Attwalment, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi huma regolati bil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri jew bi ftehimiet bilaterali bejn ċerti Stati Membri. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għalhekk ivarjaw skont l-Istati Membri kkonċernati, kif ivarjaw ukoll id-dokumenti meħtieġa sabiex tinkiseb id-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà u r-raġunijiet li għalihom jistgħu jiġu rifjutati sentenzi barranin.

Kif ġie spjegat aktar 'il fuq, dan ir-Regolament huwa pass inizjali fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u jirrigwarda l-liġi tal-familja (ara l-punt 3.1). Minħabba iċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħha, iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi hija soġġetta għall-proċedura ta' *exequatur*. Madankollu, bħalma sar f'oqsma oħrajn, tista' tiġi kkunsidrata fi stadju aktar tard it-tneħħija ta' proċeduri intermedji (exequatur) wara li ssir evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament u tal-iżvilupp tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

L-atti ta' awtoritajiet li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'delega skont id-definizzjoni ta' qorti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, se jiġu ttrattati bħala deċiżjonijiet ta' qorti u b'hekk se jkunu koperti mid-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni skont dan il-Kapitolu.

Strumenti awtentiċi

Minħabba l-importanza prattika tal-istrumenti awtentiċi għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza ta' dan ir-Regolament ma' strumenti oħra tal-UE, dan ir-Regolament għandu jiżgura li dawn jiġu aċċettati sabiex tkun possibbli ċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom.

Din l-aċċettazzjoni tfisser li huma jgawdu mill-istess effett evidenzjarju fir-rigward tal-kontenut tal-istrument u l-fatti li jkun hemm fih, u mill-istess suppożizzjoni ta' awtentiċità u min-natura ta' eżekutorjetà li jkollhom fil-pajjiżi tal-oriġini.

2016/0060 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[14],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li żżomm u li tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fih ikun assigurat il-moviment liberu tal-persuni. Sabiex tali spazju jiġi stabbilit gradwalment, l-Unjoni għandha tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali, b'mod partikolari meta jkunu meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Skont il-punt (c) tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tali miżuri jistgħu jinkludu miżuri mmirati biex jiżguraw il-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri fil-qasam tal-kunflitti tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjoni.

(3) Waqt il-laqgħa tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew approva l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u ta' deċiżjonijiet oħra ta' awtoritajiet ġudizzjarji bħala s-sisien tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jadottaw programm ta' miżuri sabiex jiġi implimentat dan il-prinċipju.

(4) Fit-30 ta' Novembru 2000, ġie adottat programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali[16], komuni għall-Kummissjoni u għall-Kunsill. Dak il-programm jidentifika l-miżuri relatati mal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitti tal-liġijiet bħala miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet u jipprovdi għat-tfassil ta' strument fil-qasam tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali tas-separazzjoni ta' koppji mhux miżżewġa.

(5) Il-Kunsill Ewropew, waqt il-laqgħa tiegħu li saret fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, adotta programm ġdid, imsejjaħ "Il-Programm tal-Aja: it-tisħiħ tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea"[17]. F'dan il-programm, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta Green Paper dwar il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali, inkluża l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku. Il-programm enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi adottat strument f'dan il-qasam.

(6) Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni adottat il-Green Paper dwar il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, inkluża b'mod partikolari l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku[18]. Din il-Green Paper nediet konsultazzjonijiet wiesgħa dwar l-aspetti kollha tad-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-koppji fl-Ewropa meta jiġu għal-likwidazzjoni tal-patrimonju komuni tagħhom u r-rimedji legali disponibbli. Il-Green Paper indirizzat ukoll il-kwistjonijiet kollha tad-dritt internazzjonali privat li jiffaċċjaw il-koppji f'unjonijiet għajr żwiġijiet, inklużi koppji bi sħubijiet irreġistrati, u kwistjonijiet speċifiċi għalihom.

---

14 ĠU C […], […], p. […].
15 ĠU C […], […], p. […].
16 ĠU C 12, 15.1.2001, p. 1.
17 ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.
18 COM(2006) 400.

(7) Fil-laqgħa tiegħu fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew adotta programm pluriennali ġdid imsejjaħ "Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini"[19]. F'dak il-programm il-Kunsill Ewropew qies li r-rikonoxximent reċiproku għandu jiġi estiż għal oqsma li għadhom mhumiex koperti, iżda li huma essenzjali għall-ħajja ta' kuljum, bħala eżempju, l-effetti patrimonjali tas-separazzjoni tal-koppji, filwaqt li qies is-sistemi legali tal-Istati Membri, inkluż l-ordni pubbliku (*ordre public*), u t-tradizzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam.

(8) Fir-"Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE", adottat fis-27 ta' Ottubru 2010[20], il-Kummissjoni ħabbret li kienet se tadotta proposta għal leġiżlazzjoni sabiex telimina l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni, b'mod partikolari d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-koppji fil-ġestjoni jew il-qsim tal-proprjetà tagħhom.

(9) Fis-16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat proposta[21] għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi matrimonjali u proposta[22] għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati.

(10) Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill ikkonkluda li ma setgħet tintlaħaq l-ebda unanimità għall-adozzjoni tal-proposti għar-regolamenti dwar ir-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u li għalhekk l-objettivi tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam ma jistgħux jinkisbu f'perjodu ta' żmien raġonevoli mill-Unjoni kollha.

(11) Minn Diċembru 2015 sa Frar 2016, l-Isvezja, il-Belġju, il-Greċja, il-Kroazja, is-Slovenja, Spanja, Franza, il-Portugall, l-Italja, Malta, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, l-Awstrija l-Bulgarija u l-Finlandja indirizzaw rikjesti lill-Kummissjoni fejn indikaw li xtaqu jistabbilixxu kooperazzjoni mtejba bejniethom fil-qasam tar-reġimi patrimonjali ta' koppji internazzjonali u, speċifikament, tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati,, u talbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill għal dak l-għan.

(12) Fil-[…], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni […] li tawtorizza l-kooperazzjoni mtejba fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi patrimonjali ta' koppji internazzjonali, li tkopri kemm kwistjonijiet ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali kif ukoll l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

(13) Skont l-Artikolu 328(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta tkun qed tiġi stabbilita kooperazzjoni msaħħa, din għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha, suġġett għall-konformità ma' kwalunkwe kondizzjoni ta' parteċipazzjoni stabbilita bid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Hija għandha tkun ukoll miftuħa għalihom fi kwalunkwe mument ieħor, suġġett għall-konformità mal-atti diġà adottati f'dak il-qafas, flimkien ma' dawk il-kondizzjonijiet. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti f'kooperazzjoni msaħħa għandhom jiżguraw li jippromwovu l-parteċipazzjoni mill-akbar għadd possibbli ta'

[19] ĠU L 115, 4.5.2010, p. 1
[20] COM(2010) 603.
[21] COM (2011) 126.
[22] COM (2011) 127.

Stati Membri. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament biss fl-Istati Membri parteċipanti skont it-Trattati.

(14) F'konformità mal-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament għandu japplika fil-kuntest tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati li għandhom implikazzjonijiet transfruntieri.

(15) Sabiex il-koppji mhux miżżewġa jiġu pprovduti ċertezza legali rigward il-proprjetà tagħhom u jingħataw grad ta' prevedibbiltà, ir-regoli kollha applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati għandhom ikunu koperti fi strument uniku.

(16) Il-mod kif forom ta' unjoni għajr iż-żwieġ huma pprovduti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jvarja minn Stat Membru għal ieħor, u għandha ssir distinzjoni bejn koppji li l-unjoni tagħhom tkun sanzjonata istituzzjonalment permezz tar-reġistrazzjoni tas-sħubija tagħhom ma' awtorità pubblika u koppji f'koabitazzjoni *de facto*. Filwaqt li xi Stati Membri jipprovdu għal tali unjonijiet *de facto*, dawn għandhom jiġu kkunsidrati separatament mas-sħubijiet reġistrati, li għandhom natura uffiċjali li tippermetti li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u li jiġu stabbiliti regoli dwar is-suġġett fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Sabiex is-suq intern jiffunzjona mingħajr problemi, jeħtieġ li jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni li jkunu daħlu fi sħubija reġistrata, b'mod partikolari dawk li joħolqu diffikultajiet għal dawn il-koppji fl-amministrazzjoni u l-qsim tal-proprjetà tagħhom. Sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet, dan ir-Regolament għandu jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni, l-eżekutorjetà u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet, strumenti awtentiċi u soluzzjonijiet bil-qorti.

(17) Dan ir-Regolament għandu jkopri l-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Il-kunċett ta' "sħubija reġistrata" hawnhekk għandu jiġi definit biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Is-sustanza attwali ta' dan il-kunċett għandha tibqa' definita fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jobbliga Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata, sabiex jipprovdi għaliha fil-liġi nazzjonali tiegħu.

(18) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi l-aspetti kollha tal-liġi ċivili li jirrigwardaw l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, kemm il-ġestjoni ta' kuljum tal-proprjetà tas-sħab kif ukoll il-likwidazzjoni tagħha, b'mod partikolari minħabba s-separazzjoni tal-koppja jew il-mewt ta' wieħed mill-membri tagħha.

(19) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal oqsma tal-liġi ċivili għajr l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Għall-finijiet ta' ċarezza, għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jitqiesu li għandhom rabta mal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati għandhom jiġu espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(20) Għalhekk, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kwistjonijiet ta' kapaċità legali ġenerali tas-sħab; madankollu, din l-esklużjoni m'għandhiex tkopri s-setgħat speċifiċi u d-drittijiet ta' wieħed jew taż-żewġ sħab fir-rigward tal-proprjetà, jew bejniethom jew fir-rigward ta' persuni terzi, billi dawn is-setgħat u d-drittijiet għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

(21) Huwa m'għandux japplika għal kwistjonijiet preliminari oħra bħall-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' sħubija reġistrata, li hija koperta mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi r-regoli tad-dritt internazzjonali privat.

(22) Billi l-obbligi ta' manteniment bejn is-sħab huma regolati bir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-

rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment[23], huma għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-istess bħall-kwistjonijiet relatati mas-suċċessjoni għall-patrimonju tas-sieħeb deċedut, li huma koperti mir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni[24].

(23) Kwistjonijiet ta' intitolament għat-trasferiment jew ta' aġġustament bejn is-sħab tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar jew tad-diżabbiltà, tkun xi tkun in-natura tagħhom, li jkunu inġemgħu matul is-sħubija reġistrata u li ma jkunu ġġeneraw ebda dħul pensjonabbli matul is-sħubija reġistrata, huma kwistjonijiet li għandhom jibqgħu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, meħud kont tas-sistemi speċifiċi li jeżistu fl-Istati Membri. Madankollu, din l-eċċezzjoni għandha tibqa' ta' interpretazzjoni stretta. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jirregola, b'mod partikolari, il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-assi pensjonabbli, l-ammonti li jkunu ġew diġà mħallsa lil sieħeb wieħed matul is-sħubija reġistrata, u l-kumpens possibbli li jista' jingħata fil-każ ta' pensjoni sottoskritta b'assi komuni.

(24) Dan ir-Regolament għandu jippermetti l-ħolqien jew it-trasferiment li jirriżulta mill-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ta' dritt fil-proprjetà immobbli jew mobbli kif previst fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Madankollu, huma m'għandux jaffettwa n-numru limitat (‘*numerus clausus* ’) ta' drittijiet *in rem* magħrufa fil-liġi nazzjonali ta' xi Stati Membri. Stat Membru ma għandux jintalab jirrikonoxxi dritt *in rem* relatat ma' proprjetà li tinsab f'dak l-Istat Membru jekk id-dritt *in rem* ikkonċernat ma jkunx magħruf fil-liġi tiegħu.

(25) Madankollu, biex is-sħab jitħallew igawdu fi Stat Membru ieħor id-drittijiet li nħolqu jew ġew trasferiti lilhom permezz tal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-adattament ta' dritt *in rem* mhux magħruf għall-eqreb dritt ekwivalenti skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Fil-kuntest ta' tali adattament, għandu jittieħed kont tal-għanijiet u l-interessi segwiti mid-dritt *in rem* speċifiku u l-effetti marbutin miegħu. Sabiex jiġi ddeterminat l-eqreb dritt nazzjonali ekwivalenti, l-awtoritajiet jew il-persuni kompetenti tal-Istat li l-liġi tiegħu tkun tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata, jistgħu jiġu kkuntattjati biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar in-natura u l-effetti tad-dritt. Għal dak l-għan, jistgħu jintużaw in-netwerks eżistenti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali kif ukoll kwalunkwe mezz disponibbli ieħor li jiffaċilita l-fehim tal-liġi barranija.

(26) L-adattament ta' drittijiet *in rem* mhux magħrufa kif ipprovdut b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi forom oħrajn ta' adattament fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(27) Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni f'reġistru, ta' dritt fi proprjetà immobbli jew mobbli, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru (għal proprjetà immobbli, il-*lex rei sitae*) li tiddetermina taħt liema kondizzjonijiet legali u kif għandha ssir ir-reġistrazzjoni u liema awtoritajiet, bħar-reġistri tal-artijiet jew in-nutara, huma responsabbli li jivverifikaw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha u li d-dokumentazzjoni ppreżentata jew

[23] ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.
[24] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107.

stabbilita tkun biżżejjed jew li jkun fiha l-informazzjoni neċessarja. B'mod partikolari, l-awtoritajiet jistgħu jikkontrollaw li d-dritt ta' sieħeb għal proprjetà msemmija fid-dokument ippreżentat għar-reġistrazzjoni jkun dritt li jkun irreġistrat bħala tali fir-reġistru jew li jkun muri mod ieħor skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru. Sabiex ma jiġux iduppjati dokumenti, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni għandhom jaċċettaw dokumenti mfasslin fi Stat Membru ieħor mill-awtoritajiet kompetenti li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom hija prevista f'dan ir-Regolament. Dan ma għandux jipprekludi lill-awtoritajiet involuti fir-reġistrazzjoni milli jitolbu lill-persuna li tkun qed tapplika għar-reġistrazzjoni biex tipprovdi tali informazzjoni addizzjonali, jew tippreżenta tali dokumenti addizzjonali kif meħtieġ skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru, pereżempju informazzjoni jew dokumenti relatati mal-ħlas ta' dħul. L-awtorità kompetenti tista' tindika lill-persuna li tkun qed tapplika għar-reġistrazzjoni kif tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni jew id-dokumenti nieqsa.

(28) L-effetti tar-reġistrazzjoni ta' dritt f'reġistru għandhom ukoll jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru li tiddetermina jekk fil-fatt ir-reġistrazzjoni tkunx, pereżempju, dikjaratorja jew kostituttiva. Għalhekk, fejn, pereżempju, l-akkwist ta' dritt fi proprjetà immobbli jkun jeħtieġ li jiġi rreġistrat f'reġistru skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru sabiex jiġi żgurat l-effett *erga omnes* tar-reġistri jew biex jiġu protetti t-tranżazzjonijiet legali, il-mument ta' tali akkwist għandu jiġi rregolat mil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

(29) Dan ir-Regolament għandu jirrispetta s-sistemi differenti biex jiġu mismugħa kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati applikati fl-Istati Membri. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" għalhekk għandu jingħata tifsira wiesgħa sabiex ikopri mhux biss il-qrati fil-veru sens tal-kelma, li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, iżda wkoll in-nutara f'xi Stati Membri li, f' ċerti kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji bħal qrati, u n-nutara u l-professjonisti legali li, f'xi Stati Membri, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji meta jittrattaw l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati permezz ta' delega tas-setgħa minn qorti. Il-qrati kollha kif iddefiniti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu marbutin bir-regoli tal-ġuriżdizzjoni msemmijin f'dan ir-Regolament. Mill-banda l-oħra, it-terminu "qorti" ma għandux ikopri l-awtoritajiet mhux ġudizzjarji ta' Stat Membru bis-setgħa skont il-liġi nazzjonali li jisimgħu kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, bħan-nutara fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fejn, kif ġeneralment ikun il-każ, huma ma jkunux qed jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji.

(30) Dan ir-Regolament għandu jippermetti lin-nutara kollha li għandhom kompetenza fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, li jeżerċitaw tali kompetenza. Jekk in-nutara fi Stat Membru partikolari jkunux marbutin jew le bir-regoli ta' ġuriżdizzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandu jiddependi minn jekk ikunux koperti mit-terminu "qorti" għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(31) L-atti maħruġin min-nutara fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri għandhom jiċċirkolaw skont dan ir-Regolament. Meta n-nutara jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, huma jkunu marbutin bir-regoli ta' ġuriżdizzjoni, u d-deċiżjonijiet li jagħtu għandhom jiċċirkolaw skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent, l-eżekutorjetà u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet. Meta n-nutara ma jeżerċitawx funzjonijiet ġudizzjarji, huma ma jkunux marbutin bir-regoli ta' ġuriżdizzjoni, u l-istrumenti awtentiċi li huma joħorġu għandhom jiċċirkolaw skont id-dispożizzjonijiet dwar l-istrumenti awtentiċi.

(32) Sabiex tiġi riflessa ż-żieda fil-mobilità tal-koppji u biex tiġi faċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni f'dan ir-Regolament għandhom jippermettu liċ-ċittadini jressqu diversi proċeduri assoċjati, quddiem il-qrati tal-istess Stat Membru. Għal dan l-għan, ir-Regolament għandu jfittex li jikkonċentra l-ġuriżdizzjoni dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fl-Istat Membru li fil-qrati tiegħu tkun tressqet is-suċċessjoni ta' sieħeb skont ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 jew ix-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata.

(33) Ir-Regolament għandu jipprovdi li, meta l-proċedimenti dwar is-suċċessjoni ta' sieħeb ikunu pendenti quddiem il-qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq il-kawża skont ir-Regolament (UE) Nru 650/2012, il-qrati ta' dak l-Istat għandu jkollhom il-ġuriżdizzjoni li jiddeċiedu fuq kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati li jirriżultaw b'rabta ma' dak il-każ ta' suċċessjoni.

(34) Bl-istess mod, kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati li jinħolqu b'rabta mal-proċedimenti pendenti quddiem il-qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq applikazzjoni għax-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija reġistrata għandhom ikunu mismugħa mill-qrati ta' dak l-Istat Membru, jekk is-sħab jiftiehmu hekk.

(35) Meta kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati ma jkunux marbuta mal-proċedimenti pendenti quddiem il-qorti ta' Stat Membru dwar is-suċċessjoni ta' sieħeb jew ix-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata, dan ir-Regolament għandu jipprevedi skala ta' fatturi ta' konnessjoni sabiex tiġi determinata l-ġuriżdizzjoni, li tibda mir-residenza abitwali tas-sħab fil-mument li l-qorti tkun assumiet il-kompetenza. L-aħħar skalun fl-iskala ta' fatturi ta' konnessjoni tal-ġuriżdizzjoni għandu jindika dak l-Istat Membru li skont il-liġi tiegħu tkun saret ir-reġistrazzjoni obbligatorja tas-sħubija bl-iskop li tiġi stabbilita. Dawn il-fatturi ta' konnessjoni huma stipulati sabiex tiżdied il-mobbiltà taċ-ċittadini u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fattur ta' konnessjoni ġenwin bejn is-sħab u l-Istat Membru li fih tiġi eżerċitata l-ġuriżdizzjoni.

(36) Billi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata mhijiex prevista fl-Istati Membri kollha, il-qrati ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tipprovdix għall-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata, jistgħu b'mod eċċezzjonali jkollhom jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament. F'dan il-każ, il-qrati għandhom jaġixxu malajr u l-parti kkonċernata għandu jkollha l-possibilità li tippreżenta l-każ fi kwalunkwe Stat Membru ieħor li jkollu fattur ta' konnessjoni li jagħti l-ġuriżdizzjoni, irrispettivament mill-ordni tar-raġunijiet għall-ġuriżdizzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jirrispetta l-awtonomija tal-partijiet. Kwalunkwe qorti invokata wara rifjut tal-ġuriżdizzjoni, ħlief għall-qrati tal-Istat Membru li fih tkun inħolqot is-sħubija reġistrata skont il-liġi tiegħu, li jkollha ġuriżdizzjoni abbażi ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti jew il-preżenza tal-konvenut, jista' jkollha wkoll il-ħtieġa, b'mod eċċezzjonali, li tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni skont l-istess kundizzjonijiet. Fl-aħħar nett, jekk l-ebda qorti ma jkollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tittratta s-sitwazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan ir-Regolament, ġiet inkluża regola ta' ġuriżdizzjoni sussidjarja sabiex jiġi evitat kull riskju li tinċaħad il-ġustizzja.

(37) Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà u l-awtonomija tal-partijiet, dan ir-Regolament għandu jippermetti, skont ċertu ċirkustanzi, li l-partijiet jikkonkludu ftehim ta' għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Istat Membru tal-liġi applikabbli jew tal-qrati tal-Istat Membru li skont il-liġi tiegħu tkun inħolqot is-sħubija reġistrata.

(38) Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-partijiet milli jsolvu l-kwistjoni b'mod amikevoli barra l-qorti, pereżempju quddiem nutar, fi Stat Membru tal-għażla tagħhom, fejn dan ikun possibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Dan għandu jkun il-każ anki jekk il-

liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata ma tkunx il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

(39) Sabiex ikun żgurat li l-qrati tal-Istati Membri kollha jkunu jistgħu, għall-istess raġunijiet, jeżerċitaw ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati tas-sħab, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi b'mod eżawrjenti r-raġunijiet li għalihom tista' tiġi eżerċitata tali ġuriżdizzjoni sussidjarja.

(40) Sabiex ikun hemm rimedju, b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda ta' ġustizzja, dan ir-Regolament għandu jipprevedi *forum necessitatis* li jippermetti qorti ta' Stat Membru, fuq bażi eċċezzjonali, li tieħu deċiżjonijiet dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata li tkun konnessa mill-qrib ma' Stat terz. Tali bażi eċċezzjonali tista' titqies li teżisti meta l-proċedimenti jkunu impossibbli fl-Istat terz ikkonċernat, pereżempju minħabba gwerra ċivili, jew meta sieħeb ma jkunx jista' raġonevolment ikun mistenni li jibda jew iwettaq proċedimenti f'dak l-Istat. Madankollu, ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-*forum necessitatis* għandha tiġi eżerċitata biss jekk il-kawża tkun konnessa b'mod suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.

(41) Fl-interess tal-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja, l-għoti ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli fi Stati Membri differenti għandu jiġi evitat. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament għandu jipprevedi regoli proċedurali ġenerali simili għal dawk ta' strumenti oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili. Waħda mit-tali regoli proċedurali hija regola *lis pendens*, li tidħol fis-seħħ jekk l-istess kawża dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata titressaq quddiem qrati differenti fi Stati Membri differenti. Dik ir-regola tiddetermina liema qorti għandha tipproċedi biex tittratta l-kawża.

(42) Sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu, biċ-ċertezza legali kollha, mill-vantaġġi offruti mis-suq intern, ir-Regolament għandu jippermetti lis-sħab li jkunu jafu minn qabel liema liġi tkun se tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom. Għalhekk, għandhom jiġu introdotti regoli armonizzati dwar il-kunflitt ta' liġijiet biex jiġu evitati riżultati kontradittorji. Ir-regola prinċipali għandha tiżgura li l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata jkunu regolati minn liġi prevedibbli li magħha tkun marbuta mill-qrib. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni, il-liġi applikabbli għandha tirregola l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fl-intier tagħha, jiġifieri, l-effetti patrimonjali kollha koperti mis-sħubija reġistrata, irrispettivament min-natura tal-beni u indipendentement minn jekk il-beni jkunux jinsabu fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz.

(43) Il-liġi stabbilita minn dan ir-Regolament għandha tapplika anke jekk ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.

(44) Sabiex jiffaċilita l-ġestjoni tal-beni mis-sħab, dan ir-Regolament għandu jippermettilhom li jagħżlu l-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom, irrispettivament min-natura tal-beni jew mill-post fejn ikunu jinsabu, minn fost il-liġijiet li magħhom ikollhom rabtiet mill-qrib pereżempju minħabba r-residenza abitwali jew in-nazzjonalità. Madankollu, sabiex jiġi evitat li tiġi mċaħħda l-għażla tal-liġi ta' kwalunkwe effett u b'hekk is-sħab jitħallew f'lakuna ġuridika, din l-għażla tal-liġi għandha tiġi limitata għal liġi li torbot l-effetti patrimonjali mas-sħubijiet reġistrati. Din l-għażla tista' ssir fi kwalunkwe mument, qabel ir-reġistrazzjoni tas-sħubija, fil-waqt tar-reġistrazzjoni tas-sħubija jew matul is-sħubija reġistrata.

(45) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tat-tranżazzjonijiet, u sabiex jiġi evitat li ssir xi bidla fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati mingħajr ma jkunu ġew

informati s-sħab dwar dan, ma għandha ssir l-ebda bidla tal-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati ħlief jekk il-partijiet jesprimu b'mod ċar ix-xewqa tagħhom li jsir dan. Tali bidla deċiża mis-sħab m'għandux ikollha effett retroattiv sakemm huma ma jistipulawx dan b'mod espliċitu. Ikun xi jkun il-każ, hija ma tistax tikser id-drittijiet ta' partijiet terzi.

(46) Għandhom jiġu definiti regoli dwar il-validità materjali u formali tal-ftehim dwar għażla tal-liġi applikabbli sabiex tiġi faċilitata l-għażla informata tas-sħab u jiġi rispettat il-kunsens tagħhom bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali kif ukoll aċċess aħjar għall-ġustizzja. Rigward il-validità formali, għandhom jiġu introdotti ċerti salvagwardji sabiex jiġi żgurat li s-sħab ikunu konxji tal-implikazzjonijiet tal-għażla tagħhom. Il-ftehim dwar l-għażla tal-liġi applikabbli għandu tal-anqas ikun bil-miktub, datat u ffirmat miż-żewġ partijiet. Madankollu, jekk il-liġi tal-Istat Membru li fih iż-żewġ sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim tistabbilixxi regoli formali addizzjonali, dawn ir-regoli għandhom jiġu rrispettati. Pereżempju, tali regoli formali addizzjonali jistgħu jkunu jeżistu fi Stat Membru fejn il-ftehim ikun inserit fi ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija. Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, is-sħab ikunu residenti abitwali fi Stati Membri differenti li jistabbilixxu regoli formali differenti, għandu jkun biżżejjed li jiġu rrispettati r-regoli formali ta' wieħed minn dawn l-Istati. Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, sieħeb wieħed biss ikollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru li jistabbilixxi regoli formali addizzjonali, dawn ir-regoli għandhom jiġu rrispettati.

(47) Ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija huwa tip ta' trasferiment tal-proprjetà tas-sħab li l-ammissibbiltà u l-aċċettazzjoni tiegħu jvarjaw fost l-Istati Membri. Sabiex issir aktar faċli li d-drittijiet għall-proprjetà miksuba b'riżultat ta' ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija jiġu aċċettati fl-Istati Membri, għandhom jiġu definiti regoli dwar il-validità formali tal-ftehimiet dwar il-patrimonju tas-sħubija. Tal-anqas, il-ftehim għandu jiġi espress bil-miktub, ikun iddatat u ffirmat miż-żewġ partijiet. Madankollu, il-ftehim għandu jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti formali addizzjonali dwar il-validità stipulati fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata kif determinat mir-Regolament u fil-liġi tal-Istat Membru fejn is-sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom. Ir-Regolament għandu jiddetermina wkoll liema liġi għandha tirregola l-validità materjali ta' dan il-ftehim.

(48) Fejn ma tintgħażel l-ebda liġi applikabbli, u sabiex il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali jiġu rikonċiljati ma' konsiderazzjoni tal-ħajja li fil-fatt tkun qiegħda tgħix il-koppja, dan ir-Regolament għandu jipprovdi li l-liġi tal-Istat li skont il-liġi tiegħu tkun saret ir-reġistrazzjoni obbligatorja tas-sħubija sabiex tiġi stabbilita, għandha tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

(49) Meta dan ir-Regolament jirreferi għaċ-ċittadinanza bħala fattur ta' konnessjoni, il-kwistjoni ta' kif għandha tiġi kkunsidrata persuna li jkollha ċittadinanzi multipli hija kwistjoni preliminarja li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u għandha tibqa' soġġetta għal-liġi nazzjonali, inkluż, fejn japplika, il-Konvenzjonijiet internazzjonali, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Din il-konsiderazzjoni m'għandu jkollha l-ebda effett fuq il-validità ta' għażla tal-liġi li tkun saret skont dan ir-Regolament.

(50) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi u ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, l-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru, fuq talba ta' wieħed mis-sħab għandha, f'każijiet eċċezzjonali – fejn is-sħab ikunu marru jgħixu fl-Istat tar-residenza abitwali għal żmien twil – tkun tista' tasal għall-konklużjoni li l-liġi ta' dak l-Istat tista' tapplika jekk is-sħab ikunu użaw lilha. Ikun xi jkun il-każ, hija ma tistax tikser id-drittijiet ta' partijiet terzi.

(51) Il-liġi determinata bħala l-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata għandha tirregola dawn l-effetti mill-klassifikazzjoni tal-proprjetà ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn li huma f'kategoriji differenti matul is-sħubija reġistrata u wara x-xoljiment tagħha, sal-likwidazzjoni tal-proprjetà. Hija għandha tinkludi l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq ir-relazzjoni legali bejn sieħeb u partijiet terzi. Madankollu, il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati tista' tiġi invokata mis-sħab kontra parti terza biex jiġu regolati dawn l-effetti biss meta r-relazzjonijiet legali bejn sieħeb u l-parti terza jkunu nħolqu fi żmien meta l-parti terza kienet taf jew kellha tkun taf dwar dik il-liġi.

(52) Kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku, bħall-protezzjoni ta' organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika ta' Stat Membru, għandhom, f'każijiet eċċezzjonali, jiġġustifikaw l-għoti tal-possibilità lill-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri sabiex japplikaw eċċezzjonijiet ibbażati fuq dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti. B'hekk, il-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" għandu jkopri r-regoli ta' natura imperattiva bħar-regoli għall-protezzjoni tad-dar matrimonjali. Madankollu, din l-eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata teħtieġ interpretazzjoni stretta sabiex tibqa' kompatibbli mal-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(53) F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku għandhom jippermettu wkoll lill-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra li jittrattaw kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, li jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku (*ordre public*) tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħrajn ma għandhomx ikunu jistgħu japplikaw l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku sabiex jinjoraw il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew jirrifjutaw li jirrikonoxxu — jew, skont kif ikun il-każ, jaċċettaw — jew jeżegwixxu deċiżjoni, strument awtentiku jew soluzzjoni bil-qorti li jkunu saru fi Stat Membru ieħor, jekk permezz ta' dawn imorru kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

(54) Peress li hemm xi Stati li fihom jeżistu fl-istess ħin żewġ sistemi legali jew aktar jew ġabriet ta' regoli li jittrattaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament, għandu jkun hemm provvediment li jirregola safejn dan ir-Regolament japplika fl-unitajiet territorjali differenti ta' dawk l-Istati.

(55) Fid-dawl tal-objettiv ġenerali tiegħu, li hu r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli relatati mar-rikonoxximent, l-eżekutorjetà u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet simili għal dawk ta' strumenti oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

(56) Sabiex jitqiesu s-sistemi differenti għat-trattament ta' kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiggarantixxi l-aċċettazzjoni u l-eżekutorjetà ta' strumenti awtentiċi fl-Istati Membri kollha, fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

(57) L-istrumenti awtentiċi għandu jkollhom l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħal ma għandhom fl-Istat Membru tal-oriġini jew l-aktar effetti komparabbli. Meta jkunu qed jiġu ddeterminati l-effetti evidenzjarji ta' strument awtentiku partikolari fi Stat Membru ieħor jew l-aktar effetti komparabbli, għandha ssir referenza għan-natura u l-ambitu tal-effetti evidenzjarji tal-istrument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini. L-effetti evidenzjarji

li strument awtentiku partikolari għandu jkollu fi Stat Membru ieħor għaldaqstant ser jiddependi mil-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini.

(58) L-"awtentiċità" ta' strument awtentiku għandha tkun kunċett awtonomu li jkopri elementi bħall-ġenwinità tal-istrument, il-prerekwiżiti formali tal-istrument, is-setgħat tal-awtorità li qed tfassal l-istrument u l-proċedura li biha jitfassal l-istrument. Huwa għandu jkopri wkoll l-elementi fattwali rreġistrati fl-istrument awtentiku mill-awtorità kkonċernata, bħall-fatt li l-partijiet indikati jkunu dehru quddiem dik l-awtorità fid-data indikata u li jkunu għamlu d-dikjarazzjonijiet indikati. Parti li tixtieq tikkontesta l-awtentiċità ta' strument awtentiku għandha tagħmel dan quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini tal-istrument awtentiku skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

(59) It-terminu "l-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku" għandhom jiġu interpretati bħala referenza għall-kontenuti sustantivi reġistrati fl-istrument awtentiku. Parti li tixtieq tikkontesta l-atti legali jew ir-relazzjoni legali rreġistrata fi strument awtentiku għandha tagħmel dan quddiem il-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament, li għandhom jiddeċiedu dwar il-kontestazzjoni f'konformità mal-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

(60) Jekk kwistjoni relatata mal-atti legali jew relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku titqajjem bħala kwistjoni sekondarja fi proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru, dik il-qorti għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

(61) Strument awtentiku li jiġi kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru għajr fl-Istat Membru ta' oriġini sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti. Jekk il-kontestazzjoni tikkonċerna biss kwistjoni speċifika relatata mal-atti legali jew relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku, l-istrument awtentiku inkwistjoni ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru għajr fl-Istat Membru ta' oriġini fir-rigward tal-materja li tkun qed tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti. Strument awtentiku li jkun ġie ddikjarat invalidu bħala riżultat ta' kontestazzjoni, ma għandu jibqa' jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju.

(62) Jekk awtorità, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tiġi ppreżentata b'żewġ strumenti awtentiċi inkompatibbli, din għandha tivvaluta l-kwistjoni dwar liema strument awtentiku, jekk ikun hemm, għandu jingħata prijorità, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Fejn, minn dawk iċ-ċirkostanzi, ma jkunx ċar liema strument awtentiku, jekk ikun hemm, għandu jingħata prijorità, il-kwistjoni għandha tiġi ddeterminata mill-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament, jew, meta l-kwistjoni titqajjem bħala kwistjoni sekondarja matul il-proċedimenti, mill-qorti vestita b'dawk il-proċedimenti. F'każ ta' inkompatibbiltà bejn strument awtentiku u deċiżjoni, għandhom jiġu kkunsidrati r-raġunijiet tan-nonrikonoxximent tad-deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament.

(63) Madankollu, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata skont dan ir-Regolament m'għandha, b'ebda mod, timplika r-rikonoxximent tas-sħubija reġistrata li wasslet għal din id-deċiżjoni.

(64) Ir-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u l-konvenzjonijiet bilaterali jew multilaterali dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati li jagħmlu parti minnhom l-Istati Membri, għandha tiġi speċifikata.

(65) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi previst obbligu li jeħtieġ lill-Istati Membri li jikkomunikaw ċerta informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tagħhom relatati mal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fi ħdan il-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni

tal-Kunsill 2001/470/KE[25]. Sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fil-ħin fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-informazzjoni kollha b'relevanza għall-applikazzjoni prattika ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ukoll tali informazzjoni lill-Kummissjoni qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament.

(66) Bl-istess mod, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex ikunu jistgħu jintużaw teknoloġiji moderni ta' komunikazzjoni, għandhom jiġu preskritti formoli standard għall-attestazzjonijiet li għandhom jingħataw b'rabta mal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà ta' deċiżjoni, strument awtentiku jew soluzzjoni bil-qorti.

(67) Meta jiġu kkalkulati l-perjodi u l-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament, għandu japplika r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien[26].

(68) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment u l-emendar sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-formoli relatati mad-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà ta' deċiżjonijiet, soluzzjonijiet bil-qorti u strumenti awtentiċi. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[27].

(69) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli previsti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(70) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-possibbiltà li s-sħab jorganizzaw ir-relazzjonijiet patrimonjali tagħhom bejniethom stess u fil-konfront ta' partijiet terzi matul il-ħajja tagħhom bħala koppja u meta jillikwidaw il-patrimonju tagħhom, u prevedibbiltà u ċertezza legali akbar, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri imma, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, fejn ikun xieraq permezz ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri. Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għalhekk għandha l-kompetenza li taġixxi. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, stabbilit f'dan l-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(71) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, l-Artikoli 7, 9, 17, 21 u 47 li jkopru, rispettivament, ir-rispett lejn il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għat-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, id-dritt għall-proprjetà, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri fir-rispett ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

---

[25] ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.
[26] ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.
[27] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I
Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

   Huwa m'għandux japplika għal materji fiskali, doganali jew amministrattivi.

2. Dawn li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

   (a) il-kapaċità ġuridika tas-sħab,

   (b) l-eżistenza, validità jew rikonoxximent ta' sħubija reġistrata,

   (c) l-obbligi ta' manteniment,

   (d) is-suċċessjoni għall-patrimonju tas-sieħeb deċedut,

   (e) is-sigurtà soċjali;

   (f) l-intitolament għat-trasferiment jew l-aġġustament bejn is-sħab fil-każ ta' xoljiment jew annullament tas-sħubija reġistrata, tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar jew ta' diżabbiltà akkumulati matul is-sħubija reġistrata u li ma ġġenerawx dħul pensjonabbli matul is-sħubija reġistrata,

   (g) in-natura tad-drittijiet *in rem* relatati ma' proprjetà, u

   (h) kwalunkwe reġistrar f'reġistru tad-drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali għal tali reġistrar, u l-effetti tar-reġistrar jew tan-nuqqas ta' reġistrar ta' dawn id-drittijiet f'reġistru.

Artikolu 2
Kompetenza fi kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fi ħdan l-Istati Membri

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittrattaw kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

   (a) "sħubija reġistrata" tfisser is-sistema li tirregola l-ħajja komuni bejn żewġ persuni, prevista mil-liġi, li r-reġistrazzjoni tagħha hija obbligatorja skont dik il-liġi u li tissodisfa l-formalitajiet legali kollha rikjesti minn dik il-liġi għall-ħolqien tagħha;

(b) "effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata" tfisser il-ġabra tar-regoli li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet patrimonjali tas-sħab, bejniethom u fil-konfront ta' partijiet terzi, b'riżultat tar-relazzjoni legali li tinħoloq bir-reġistrazzjoni tas-sħubija jew mix-xoljiment tagħha;

(c) "ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija" tfisser kwalunkwe ftehim bejn is-sħab jew sħab futuri li permezz tiegħu jiġu organizzati l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom;

(d) "strument awtentiku" tfisser dokument fi kwistjoni tal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata li jkun tfassal jew ġie rreġistrat formalment bħala strument awtentiku fi Stat Membru u li l-awtentiċità tiegħu:

(i) tirrigwarda l-firma u l-kontenut tal-istrument awtentiku, u

(ii) tkun ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew awtorità oħra bis-setgħa li tagħmel dan mill-Istat Membru tal-oriġini;

(e) "deċiżjoni" tfisser kwalunkwe deċiżjoni f'materja tal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata mogħtija minn qorti ta' Stat Membru, ikun xi jkun l-isem li jingħatalha, inkluża deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-ispejjeż jew l-infiq minn uffiċjal tal-qorti;

(f) "soluzzjoni bil-qorti" tfisser soluzzjoni fi kwistjoni relatata mal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata li kienet approvata minn qorti jew li kienet konkluża quddiem qorti matul il-proċedimenti;

(g) "Stat Membru tal-oriġini" tfisser l-Istat Membru li fih, skont ma jkun il-każ, tkun ingħatat id-deċiżjoni, ikun tfassal l-istrument awtentiku, jew tkun ġiet approvata jew konkluża is-soluzzjoni bil-qorti;

(h) "Stat Membru tal-eżekuzzjoni" tfisser l-Istat Membru li fih jiġu mitluba r-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, l-istrument awtentiku jew is-soluzzjoni bil-qorti

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" jfisser kull awtorità ġudizzjarja u l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħra kollha b'kompetenza fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu b'delega tas-setgħa minn xi awtorità ġudizzjarja jew jaġixxu taħt il-kontroll tagħha, bil-kundizzjoni li dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħra joffru garanziji fir-rigward tal-imparzjalità u d-dritt tal-partijiet kollha li jinstemgħu, u bil-kundizzjoni li d-deċiżjonijiet tagħhom skont il-liġi tal-Istat Membru li fih joperaw:

(i) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew rieżami minn awtorità ġudizzjarja; u

(ii) ikollhom forza u effett simili bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja dwar l-istess materja.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħra imsemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 64.

Kapitolu II
Ġuriżdizzjoni

Artikolu 4
Ġuriżdizzjoni fil-każ tal-mewt ta' wieħed mis-sħab

Meta qorti ta' Stat Membru tiġi invokata fi kwistjonijiet relatati mas-suċċessjoni ta' wieħed mis-sħab reġistrati skont ir-Regolament (UE) Nru 650/2012, il-qrati ta' dak l-Istat għandu jkollhom il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata relatati ma' dik il-kawża ta' suċċessjoni.

Artikolu 5
Ġuriżdizzjoni f'każijiet ta' xoljiment jew annullament

1. Meta qorti ta' Stat Membru tiġi invokata biex tiddeċiedi fuq ix-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija reġistrata, il-qrati ta' dak l-Istat għandu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata li jinħolqu b'rabta ma' dak il-każ ta' xoljiment jew annullament, meta jkun hemm il-qbil tas-sħab.

2. Jekk il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 jiġi konkluż qabel ma l-qorti tkun ġiet invokata biex tiddeċiedi fuq kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata, il-ftehim għandu jikkonforma mal-Artikolu 7.

Artikolu 6
Ġuriżdizzjoni f'każijiet oħra

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 4 u 5 jew f'każijiet għajr dawk previsti fl-Artikoli 4 u 5, il-ġuriżdizzjoni għal deċiżjoni dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata għandha tkun tal-qrati tal-Istat Membru:

(a) li s-sħab ikunu abitwalment residenti fit-territorju tiegħu fil-mument li fih tiġi invokata l-qorti, jew, fin-nuqqas ta' dan,

(b) li s-sħab l-aħħar li kienu abitwalment residenti fit-territorju tiegħu, sakemm wieħed minnhom ikun għadu jgħix hemm fil-mument li fih tiġi invokata l-qorti, jew fin-nuqqas ta' dan,

(c) li l-konvenut ikun abitwalment residenti fit-territorju tiegħu fil-mument li fih tiġi invokata l-qorti, jew fin-nuqqas ta' dan,

(d) taċ-ċittadinanza komuni tas-sħab fil-mument li fih tiġi invokata l-qorti, jew fin-nuqqas ta' dan,

(e) li skont il-liġi tiegħu tkun inħolqot is-sħubija reġistrata.

Artikolu 7
Għażla tal-qorti

1. Fil-każijiet koperti mill-Artikolu 6, il-partijiet jistgħu jaqblu li l-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli skont l-Artikoli 22 jew 26(1) jew il-qrati tal-Istat Membru li, skont il-liġi tiegħu tkun inħolqot is-sħubija reġistrata, għandu jkollhom il-ġuriżdizzjoni esklussiva li jiddeċiedu fuq l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom.

2. Dan il-ftehim għandu jiġi espress bil-miktub, u jiġi ddatat u ffirmat mill-partijiet. Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi reġistrazzjoni durabbli tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-kitba.

Artikolu 8

Ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut

3. Minbarra l-ġuriżdizzjoni li toħroġ minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, qorti ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont l-Artikoli 22, 26(1), u li l-konvenut jidher quddiemha għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni. Din ir-regola m'għandhiex tapplika meta d-dehra tkun saret biex tkun ikkontestata l-ġuriżdizzjoni, jew f'każijiet koperti mill-Artikolu 4.

4. Qabel ma tassumi l-ġuriżdizzjoni skont il-paragrafu 1, il-qorti għandha tiżgura li l-konvenut jiġi informat dwar id-dritt tiegħu li jikkontesta l-ġuriżdizzjoni u dwar il-konsegwenzi jekk jidher u jekk ma jidhirx.

Artikolu 9

Ġuriżdizzjoni alternattiva

1. Jekk qorti tal-Istat Membru li jkollu ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 4, 5, 6(a) (b) (c) jew (d) tiddeċiedi li l-liġi tagħha ma tipprevedix l-istituzzjoni ta' sħubija reġistrata, din tista' tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni. Jekk qorti tiddeċiedi li tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni, hija għandha tagħmel dan mingħajr dewmien.

2. Meta qorti msemmija fil-paragrafu 1 tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni u meta l-partijiet jaqblu li jagħtu l-ġuriżdizzjoni lill-qrati ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 7, il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati għandha taqa' fuq il-qrati ta' dak l-Istat Membru.

   F'każijiet oħrajn, il-ġuriżdizzjoni għal deċiżjoni dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati għandha taqa' fuq il-qrati ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 6 jew 8.

3. Dan l-Artikolu m'għandux japplika meta l-partijiet ikunu kisbu x-xoljiment jew l-annullament tas-sħubija reġistrata li jkun jista' jiġi rikonoxxut fl-Istat Membru tal-forum.[28]

Artikolu 10

Ġuriżdizzjoni sussidjarja

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 4, 5, 6, 7 u 8, jew meta l-qrati kollha skont l-Artikolu 9 ikunu rrifjutaw il-ġuriżdizzjoni u l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 6(e), l-Artikoli 7 u 8, il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġuriżdizzjoni sal-punt li l-proprjetà immobbli ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn li huma tkun qiegħda fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, iżda f'dak il-każ il-qorti invokata għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tiddeċiedi biss fir-rigward tal-proprjetà immobbli inkwistjoni**.**

[28] Lingwaġġ simili ("jista' jiġi rikonoxxut") jista' jinstab fir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni), l-Artikolu 33(1)(a) u (3), l-Artikolu 34(1)(b) u l-premessa 23.

Artikolu 11
Forum necessitatis

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, u 10 jew meta l-qrati kollha skont l-Artikolu 9 jkunu rrifjutaw il-ġuriżdizzjoni u l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 6(e), 7, 8 u 10, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata jekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jitressqu jew jitwettqu b'mod raġonevoli, jew ikunu impossibbli fi Stat terz l-każ ikun marbut mill-qrib li miegħu.

Il-każ irid ikollu rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.

Artikolu 12
Kontrotalbiet

Il-qorti li l-proċedimenti jkunu pendenti quddiemha skont l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10 jew 11, għandu jkollha ġuriżdizzjoni wkoll biex tiddeċiedi dwar kontrotalba jekk din tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13
Limitazzjoni tal-proċedimenti

1. Meta l-patrimonju tad-deċedut li s-suċċessjoni tiegħu hija koperta mir-Regolament (UE) Nru 650/2012 ikun jinkludi assi li jinsabu fi Stat terz, il-qorti invokata biex tiddeċiedi dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddeċiedi li ma tagħtix deċiżjoni dwar wieħed jew aktar minn dawn l-assi jekk jista' jiġi mistenni li d-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' dawk l-assi ma tkunx se tiġi rikonoxxuta u, fejn applikabbli, iddikjarata bħala eżekutorja f'dak l-Istat terz.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa d-dritt tal-partijiet li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti invokata.

Artikolu 14
Invokazzjoni ta' qorti

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, qorti tkun ikkunsidrata invokata:

(a) fil-mument meta d-dokument li jiftaħ il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat fil-qorti, bil-kundizzjoni li l-attur ma jkunx sussegwentement naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ li jieħu sabiex il-konvenut jiġi notifikat; jew

(b) jekk id-dokument ikun irid jiġi nnotifikat qabel ma jiġi ppreżentat lill-qorti, fil-mument li fih jasal għand l-awtorità responsabbli għan-notifika, bil-kundizzjoni li l-attur ma jkunx sussegwentement naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ li jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat lill-qorti; jew

(c) jekk il-proċedimenti jinfetħu *ex officio* mill-qorti, fil-mument meta d-deċiżjoni li jinfetħu l-proċedimenti tittieħed mill-qorti, jew, meta deċiżjoni bħal din ma tkunx meħtieġa, fil-mument meta l-każ jiġi rreġistrat mill-qorti.

Artikolu 15
Verifika tal-ġuriżdizzjoni

Meta qorti ta' Stat Membru tiġi invokata fir-rigward ta' kwistjoni relatata mal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata li ma jkollha l-ebda ġuriżdizzjoni fuqha skont dan ir-Regolament, il-qorti għandha tiddikjara *ex officio* li m'għandhiex ġuriżdizzjoni.

Artikolu 16
Verifika tal-ammissibbiltà

1. Meta konvenut li jkollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat li ma jkunx l-Istat Membru fejn tkun tressqet l-azzjoni ma jidhirx, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament għandha twaqqaf il-proċedimenti sakemm ma jintweriex li l-konvenut seta' jirċievi d-dokument li jiftaħ il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti biex iħejji d-difiża tiegħu, jew li ttieħdu l-passi kollha meħtieġa għal dan l-għan.

2. L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali[29] għandu japplika minflok il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk id-dokument li jiftaħ il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti kellu jintbagħat minn Stat Membru wieħed għal ieħor skont dak ir-Regolament.

3. Meta r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 ma jkunx applikabbli, għandu japplika l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barra mill-pajjiż ta' atti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali jekk id-dokument li nieda l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti kellu jintbagħat barra mill-pajjiż skont dik il-Konvenzjoni.

Artikolu 17
Lis pendens

1. Meta jitressqu proċedimenti bl-istess għan u bl-istess kawża bejn il-partijiet quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, kull qorti għajr l-ewwel qorti invokata għandha tissospendi *ex officio* l-proċedimenti quddiemha sakemm tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-ewwel qorti invokata.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1**,** fuq talba minn qorti invokata dwar it-tilwima, kwanlukwe qorti oħra invokata għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-qorti preċedenti dwar id-data tal-invokazzjoni tagħha.

3. Jekk tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-ewwel qorti invokata, kull qorti oħra għajr l-ewwel qorti invokata għandha ċċedi l-ġuriżdizzjoni favur dik il-qorti.

Artikolu 18
Kawżi relatati

1. Meta kawżi relatati jkunu pendenti fi qrati ta' Stati Membri differenti, kull qorti oħra għajr l-ewwel qorti invokata għandha tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha.

2. Meta dawn il-kawżi jkunu pendenti fi prim'istanza, kull qorti oħra għajr l-ewwel qorti invokata tista' wkoll, wara talba minn waħda mill-partijiet, tirrinunzja l-ġuriżdizzjoni jekk

[29] ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79.

l-ewwel qorti invokata jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-kawżi inkwistjoni u li l-liġi tagħha tippermetti l-konsolidazzjoni tagħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kawżi jitqiesu li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien biex ikun evitat ir-riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

Artikolu 19

Miżuri provviżorji, inkluži miżuri protettivi

Jista' jsir rikors fil-qrati ta' Stat Membru għal tali miżuri provviżorji, inkluži miżuri protettivi, li jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat, anke jekk, skont dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom il-ġuriżdizzjoni dwar il-mertu tal-każ.

Kapitolu III
Liġi applikabbli

Artikolu 20

Applikazzjoni universali

Il-liġi speċifikata bħala applikabbli minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata tkun jew ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.

Artikolu 21

Unità tal-liġi applikabbli

Il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata għandha tapplika għall-assi kollha li jkunu soġġetti għal dawk l-effetti, irrispettivament minn fejn jinsabu l-assi.

Artikolu 22

Għażla tal-liġi applikabbli

1. Is-sieħeb jew sħab futuri jistgħu jaqblu li jagħżlu jew li jibdlu l-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom, sakemm il-liġi torbot l-effetti patrimonjali mal-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata u tkun waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) il-liġi tal-Istat fejn is-sħab jew sħab futuri, jew wieħed minnhom, ikollu r-residenza abitwali tiegħu jew tagħhom fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim

   (b) il-liġi ta' Stat taċ-ċittadinanza ta' xi wieħed mis-sħab jew ta' sieħeb futur fil-mument li fih jiġi konkluż il-ftehim, jew

   (c) il-liġi tal-Istat li skont il-liġi tiegħu tkun inħolqot is-sħubija reġistrata.

2. Sakemm is-sħab ma jiftehmux mod ieħor, bidla fil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom, li ssir matul is-sħubija, għandu jkollha biss effett prospettiv.

3. Kwalunkwe tibdil retroattiv fil-liġi applikabbli skont il-paragrafu 2 m'għandux jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' partijiet terzi li jirriżultaw minn dik il-liġi.

Artikolu 23

Validità formali tal-ftehim dwar l-għażla tal-liġi applikabbli

1. Il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 22 għandu jsir bil-miktub, u jiġi ddatat u ffirmat miż-żewġ sħab. Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi reġistrazzjoni durabbli tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-kitba.

2. Madankollu, jekk il-liġi tal-Istat Membru li fih iż-żewġ sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim tistabbilixxi rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

3. Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, is-sħab ikunu residenti abitwali fi Stati Membri differenti u l-liġijiet ta' dawk l-Istati jipprevedu rekwiżiti formali differenti għall-ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, il-ftehim għandu jkun formalment validu jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' waħda minn dawk il-liġijiet.

4. Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, sieħeb wieħed biss ikollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru u dak l-Istat jipprevedi rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 24

Kunsens u validità materjali

1. L-eżistenza u l-validità ta' ftehim dwar l-għażla tal-liġi jew ta' kwalunkwe terminu tiegħu, għandhom jiġu determinati mil-liġi li kienet tirregolah skont l-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament li kieku l-kuntratt jew it-terminu kienu jkunu validi.

2. Madankollu, sabiex sieħeb jistabbilixxi li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu, huwa jista' jibbaża fuq il-liġi tal-pajjiż li kellu r-residenza abitwali tiegħu fih fil-mument li jinġieb il-każ quddiem il-Qorti jekk miċ-ċirkostanzi jidher li ma jkunx raġonevoli li l-effett tal-imġiba tiegħu jiġi stabbilit skont il-liġi speċifikata fil-paragrafu 1.

Artikolu 25

Validità formali ta' ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija

1. Il-ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija għandu jiġi espress bil-miktub, u jkun iddatat u ffirmat miż-żewġ sħab. Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi reġistrazzjoni durabbli tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-kitba.

2. Madankollu, jekk il-liġi tal-Istat Membru li iż-żewġ sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fih fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim tistabbilixxi rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

   Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, is-sħab ikunu residenti abitwali fi Stati Membri differenti u l-liġijiet ta' dawk l-Istati jipprevedu rekwiżiti formali differenti għall-ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, il-ftehim għandu jkun formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti ta' waħda minn dawk il-liġijiet.

   Jekk, fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, sieħeb wieħed biss ikollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru u dak l-Istat jipprevedi rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

3. Madankollu, jekk il-liġi li tapplika għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata timponi rekwiżiti formali ulterjuri, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 26

Il-liġi applikabbli fin-nuqqas taʾ għażla mill-partijiet

1. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim skont l-Artikolu 22, il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati għandha tkun il-liġi tal-Istat li s-sħubija reġistrata tkun inħolqot skont il-liġi tiegħu.

2. B'mod eċċezzjonali u wara talba minn kwalunkwe sieħeb, l-awtorità ġudizzjarja li jkollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata tista' tiddeċiedi li l-liġi ta' Stat, li ma jkunx l-Istat li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont il-paragrafu 1, għandha tirregola l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata jekk il-liġi tal-Istat l-ieħor torbot effetti patrimonjali mal-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata u jekk min ikun għamel it-talba juri li:

   (a) is-sħab żammew l-aħħar residenza abitwali komuni tagħhom f'dak l-Istat għal perjodu ta' żmien twil b'mod sinifikanti; u

   (b) iż-żewġ sħab ikunu bbażaw fuq il-liġi tal-Istat l-ieħor fl-arranġament jew l-ippjanar tar-relazzjonijiet patrimonjali tagħhom.

   Il-liġi tal-Istat l-ieħor għandha tapplika mill-ħolqien tas-sħubija reġistrata, sakemm sieħeb minnhom ma jaqbilx. Fil-każ tal-aħħar, il-liġi tal-Istat l-ieħor għandu jkollha effett sa mill-istabbiliment tal-aħħar residenza abitwali komuni f'dak l-Istat l-ieħor.

   L-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat l-ieħor m'għandhiex taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-partijiet terzi li jirriżultaw mil-liġi applikabbli skont il-paragrafu 1.

   Il-paragrafu 3 m'għandux japplika meta s-sħab ikunu kkonkludew ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija qabel l-istabbiliment tal-aħħar residenza abitwali komuni f'dak l-Istat l-ieħor.

Artikolu 27

Kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli

Il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati skont dan ir-Regolament għandha tiddetermina, fost l-oħrajn:

(a) il-klassifikazzjoni tal-proprjetà ta' wieħed jew taż-żewġ sħab f'kategoriji differenti matul u wara s-sħubija reġistrata,

(b) it-trasferiment tal-proprjetà minn kategorija għall-oħra,

(c) ir-responsabbiltà ta' sieħeb wieħed għall-obbligazzjonijiet u d-djun tas-sieħeb l-ieħor,

(d) is-setgħat, drittijiet u obbligi ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn li huma fir-rigward tal-proprjetà,

(e) id-diviżjoni, id-distribuzzjoni jew il-likwidazzjoni tal-proprjetà fil-mument tax-xoljiment tas-sħubija reġistrata,

(f) l-effetti tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fuq relazzjoni legali bejn sieħeb u partijiet terzi, u

(g) il-validità materjali ta' ftehim dwar il-patrimonju tas-sħubija.

Artikolu 28

Effetti fil-konfront ta' partijiet terzi

1. Minkejja l-Artikolu 27(f), il-liġi li tirregola l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata bejn is-sħab ma tistax tiġi invokata minn sieħeb kontra parti terza f'tilwima bejn il-parti terza u wieħed mis-sħab jew it-tnejn li huma, sakemm il-parti terza ma kinitx taf jew, fl-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta, kellha tkun taf b'dik il-liġi.

2. Il-parti terza titqies li jkollha dan l-għarfien jekk

   (a) il-liġi li tirregola l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tkun il-liġi

      (i) tal-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għat-tranżazzjoni bejn sieħeb u l-parti terza,

      (ii) tal-Istat fejn is-sieħeb kontraenti u l-parti terza jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom jew,

      (iii) f'każijiet li jinvolvu proprjetà immobbli, tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà,

   jew

   (b) wieħed mis-sħab ikun ikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għad-divulgazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tal-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata speċifikati mil-liġi:

      (i) tal-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għat-tranżazzjoni bejn sieħeb u l-parti terza

      (ii) tal-Istat fejn is-sieħeb kontraenti u l-parti terza jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom jew,

      (iii) f'każijiet li jinvolvu proprjetà immobbli, tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà

3. Meta l-liġi li tirregola l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata ma tkunx tista' tiġi invokata minn sieħeb kontra parti terza permezz tal-paragrafu 1, l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fir-rigward tal-parti terza jiġu rregolati:

   (a) bil-liġi tal-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għat-tranżazzjoni bejn sieħeb u l-parti terza; jew

   (b) f'każijiet li jinvolvu proprjetà immobbli jew assi jew drittijiet reġistrati, permezz tal-liġi tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà jew fejn ikunu rreġistrati l-assi jew id-drittijiet

Artikolu 29

Adattament ta' drittijiet *in rem*

Meta persuna tinvoka dritt *in rem* li hija tkun intitolata għalih skont il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata, u l-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi invokat id-dritt ma tirrikonoxxix id-dritt *in rem* inkwistjoni, dak id-dritt għandu, jekk ikun meħtieġ u sa fejn ikun possibbli, jiġi adattat għall-eqreb dritt ekwivalenti skont il-liġi ta' dak l-Istat, waqt li jittieħed kont tal-għanijiet u tal-interessi li jfittex id-dritt *in rem* speċifiku u l-effetti marbutin miegħu.

Artikolu 30

Regoli obbligatorji prevalenti

1. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jillimita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-forum.

2. Ir-regoli obbligatorji prevalenti huma dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom tant ikun meqjus bħala kruċjali minn Stat Membru, sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata skont dan ir-Regolament.

Artikolu 31

Ordni pubbliku

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi ta' kwalunke Stat speċifikata minn dan ir-Regolament tista' tinċaħad biss jekk tali applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum.

Artikolu 32

Esklużjoni ta' renvoi

L-applikazzjoni tal-liġi ta' kwalunkwe Stat speċifikata minn dan ir-Regolament tfisser l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak l-Istat ħlief għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat tiegħu.

Artikolu 33

Stati b'aktar minn sistema legali waħda - kunflitti territorjali tal-liġijiet

1. Meta l-liġi speċifikata minn dan ir-Regolament tkun dik ta' Stat li jinkludi diversi unitajiet territorjali li kull waħda minnhom ikollha r-regoli tal-liġi proprji tagħha rigward l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ir-regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat għandhom jiddeterminaw l-unità territorjali rilevanti li r-regoli tal-liġi proprji tagħha għandhom japplikaw.

2. Fin-nuqqas ta' tali regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet:

   (a) kwalunkwe referenza għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 għandha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont dispożizzjonijiet li jirreferu għar-residenza abitwali tas-sħab, titqies bħala li tirreferi għal-liġi tal-unità territorjali fejn is-sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom;

   (b) kwalunkwe referenza għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 għandha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont dispożizzjonijiet li jirreferu għan-nazzjonalità tas-sħab, titqies bħala li tirreferi għal-liġi tal-unità territorjali li s-sħab ikollhom l-akbar rabta magħha;

   (c) kwalunkwe referenza għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 għandha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tirreferi għal elementi oħrajn bħala fatturi ta' konnessjoni, titqies bħala li tirreferi għal-liġi tal-unità territorjali fejn jinsab l-element rilevanti.

Artikolu 34

Stati b'aktar minn sistema legali waħda - kunflitti interpersonali tal-liġijiet

Fir-rigward ta' Stat li jkollu żewġ sistemi legali jew aktar jew settijiet ta' regoli applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, kwalunkwe referenza għal-liġi ta' dan l-Istat għandha titqies bħala li tirreferi għas-sistema legali jew sett ta' regoli determinati mir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, għandhom japplikaw is-sistema ta' liġijiet jew is-sett ta' regoli li s-sħab ikollhom l-akbar rabta magħhom.

Artikolu 35

Nonapplikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal kunflitti interni tal-liġijiet

Stat Membru li jkollu diversi unitajiet territorjali li kull waħda minnhom ikollha r-regoli tal-liġi proprji tagħha fir-rigward tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati ma għandux ikun meħtieġ li japplika dan ir-Regolament għal kunflitti tal-liġijiet li jirriżultaw bejn dawk l-unitajiet territorjali biss.

Kapitolu IV
Rikonoxximent, eżekutorjetà u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet

Artikolu 36

Rikonoxximent

1. Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa ta' xi proċedura speċjali.

2. Kwalunkwe parti interessata li tqajjem ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni bħala l-kwistjoni prinċipali f'tilwima tista', skont il-proċeduri previsti fl-Artikoli 44 sa 57, tapplika biex id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta.

3. Jekk l-eżitu tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jkun jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali ta' rikonoxximent, dik il-qorti għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

Artikolu 37

Raġunijiet għal nonrikonoxximent

Deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta:

(a) jekk rikonoxximent bħal dan ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*) fl-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent;

(b) meta tkun ingħatat f'kontumaċja, jekk il-konvenut ma jkunx ġie notifikat jew infurmat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibbli għalih li jagħmel hekk;

(c) jekk tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija fil-proċedimenti bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent;

(d) jekk tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, bil-kundizzjoni li dik id-deċiżjoni aktar kmieni tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent.

Artikolu 38

Drittijiet fundamentali

L-Artikolu 37 għandu jiġi applikat mill-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

Artikolu 39

Projbizzjoni tar-rieżami tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-oriġini

1. Il-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta.

2. Il-kriterju tal-ordni pubbliku (*ordre public*) imsemmi fl-Artikolu 37 ma għandux japplika għar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 4 sa 12.

Artikolu 40

L-ebda rieżami rigward is-sustanza

Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ma tista', taħt l-ebda ċirkustanza, tiġi riveduta fir-rigward tas-sustanza tagħha.

Artikolu 41

Twaqqif tal-proċeduri ta' rikonoxximent

Qorti ta' Stat Membru li tiġi invokata għal talba ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha jekk ikun ġie ppreżentat appell kontra din id-deċiżjoni fl-Istat Membru ta' oriġini.

Artikolu 42

Eżekutorjetà

Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u eżekutorji f'dak l-Istat għandhom ikunu eżekutorji fi Stat Membru ieħor meta, fuq applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, ikunu ġew iddikjarati eżekutorji hemmhekk skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 44 sa 57.

Artikolu 43

Determinazzjoni tad-domiċilju

Biex jiġi ddeterminat jekk, għall-finijiet tal-proċedura prevista fl-Artikoli 44 sa 57, parti tkunx domiċiljata fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, il-qorti invokata għandha tapplika l-liġi interna ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 44

Ġuriżdizzjoni tal-qrati lokali

1. L-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà għandha tiġi ppreżentata lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 64.

2. Il-ġuriżdizzjoni lokali għandha tiġi determinata b'referenza għall-post tad-domiċilju tal-parti li l-eżekuzzjoni tkun qed tintalab kontra tagħha, jew għall-post tal-eżekuzzjoni.

Artikolu 45

Proċedura

1. Il-proċedura għat-talba għandha tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

2. Min jagħmel it-talba ma għandux ikun meħtieġ li jkollu indirizz postali jew rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

3. It-talba għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:

   (a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtenticità tagħha;

   (b) l-attestazzjoni maħruġa mill-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini bl-użu tal-formola stabbilita f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 46.

Artikolu 46

Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-attestazzjoni

1. Jekk l-attestazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 45(3) ma tiġix ippreżentata, il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika żmien għall-preżentazzjoni tagħha jew taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tħoss li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, tgħaddi mingħajrha.

2. Jekk il-qorti jew awtorità kompetenti hekk titlob, għandha tiġi ppreżentata traduzzjoni jew trażlitterazzjoni tad-dokumenti. It-traduzzjoni għandha ssir minn persuna kkwalifikata biex tittraduċi f'wieħed mill-Istati Membri.

Artikolu 47

Dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà

Id-deċiżjoni għandha tiġi ddikjarata eżekutorja immedjatament wara li jitlestew il-formalitajiet fl-Artikolu 45 mingħajr l-ebda rieżami skont l-Artikolu 37. Il-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha ma għandhiex f'dan l-istadju tal-proċedimenti tkun intitolata tagħmel xi sottomissjonijiet dwar it-talba.

Artikolu 48

Notifika tad-deċiżjoni dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà

1. Id-deċiżjoni dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà għandha tingħieb immedjatament għall-attenzjoni ta' min jagħmel it-talba skont il-proċedura stabbilita bil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

2. Id-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà għandha tiġi notifikata lill-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha, akkumpanjata mid-deċiżjoni, jekk ma tkunx diġà ġiet notifikata lil dik il-parti.

Artikolu 49

Appell kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà

1. Id-deċiżjoni dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe parti.

2. L-appell għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 64.

3. L-appell għandu jiġi ttrattat skont ir-regoli li jirregolaw il-proċedura f'materji kontradittorji.

4. Jekk il-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha tonqos milli tidher quddiem il-qorti tal-appell fi proċedimenti dwar appell imressaq mill-attur, għandu japplika l-Artikolu 16, anki meta l-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha ma tkun domiċiljata fl-ebda wieħed mill-Istati Membri.

5. Appell kontra d-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà għandu jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum min-notifika tagħha. Jekk il-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha tkun domiċiljata fi Stat Membru differenti minn dak li fih tkun ingħatat id-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà, iż-żmien għall-appell għandu jkun ta' 60 jum u għandu jibda jgħodd mill-jum tan-notifika, lilha personalment jew fir-residenza tagħha. L-ebda estensjoni ma tista' tingħata minħabba d-distanza.

Artikolu 50

Proċedura biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fl-appell

Id-deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss permezz tal-proċedura kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 64.

Artikolu 51

Rifjut jew revoka ta' dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà

Il-qorti li jkun ġie ppreżentat appell quddiemha skont l-Artikolu 49 jew l-Artikolu 50 għandha tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà biss għal xi waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 37. Hija għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien.

Artikolu 52

Sospensjoni tal-proċedimenti

Il-qorti ppreżentata b'appell skont l-Artikolu 49 jew l-Artikolu 50 għandha, wara talba mill-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha, tissospendi l-proċedimenti jekk l-eżekutorjetà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini minħabba appell.

Artikolu 53

Miżuri provviżorji, inklużi miżuri protettivi

1. Meta deċiżjoni tkun trid tiġi rikonoxxuta skont dan il-Kapitolu, xejn ma għandu jimpedixxi lill-attur milli jagħmel użu minn miżuri provviżorji, inklużi miżuri protettivi, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 47.

2. Id-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà għandha ġġib magħha, bl-operat tal-liġi, is-setgħa li wieħed jipproċedi għal kwalunkwe miżura protettiva.

3. Matul iż-żmien speċifikat għal appell skont l-Artikolu 49(5) kontra d-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà u sakemm ikun determinat kwalunkwe appell tali, ma tista' tittieħed l-ebda miżura ta' eżekuzzjoni għajr miżuri protettivi kontra l-proprjetà tal-parti li l-eżekuzzjoni tintalab kontriha.

Artikolu 54
Eżekutorjetà parzjali

1. Meta tkun ingħatat deċiżjoni rigward diversi materji u d-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà ma tkunx tista' tingħata għalihom kollha, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tagħtiha għal waħda minnhom jew aktar.

2. L-attur jista' jitlob dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà limitata għal partijiet minn deċiżjoni.

Artikolu 55
Għajnuna legali

Attur li, fl-Istat Membru tal-oriġini, ikun ibbenefika minn għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew minn eżenzjoni min-nefqa jew l-ispejjeż għandu jkun intitolat, fi kwalunkwe proċediment għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà,, li jibbenefika mill-għajnuna legali l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-ispejjeż jew infiq kif previst mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

Artikolu 56
Ebda garanzija, bond jew depożitu

L-ebda garanzija, bond jew depożitu, irrispettivament mid-deskrizzjoni, ma għandhom ikunu meħtieġa minn parti li fi Stat Membru tapplika għar-rikonoxximent, l-eżekutorjetà jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor minħabba li tkun ċittadin barrani jew li ma tkunx domiċiljata jew residenti fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

Artikolu 57
Ebda imposta, dazju jew tariffa

Fil-proċedimenti għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà, ma għandhom jiġu imposti l-ebda imposta, dazju jew tariffa kkalkulati b'referenza għall-valur tal-materja inkwistjoni fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

Kapitolu V
Atti awtentiċi u tranżazzjonijiet ġudizzjarji

Artikolu 58
Aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi

1. Strument awtentiku stabbilit fi Stat Membru għandu jkollu l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħalma jkollu fl-Istat Membru tal-oriġini, jew l-aktar effetti komparabbli, bil-kundizzjoni li dan ma jkunx manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku (*ordre public*) fl-Istat Membru kkonċernat.

Persuna li tixtieq tagħmel użu minn strument awtentiku fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-awtorità li tistabbilixxi l-istrument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini biex timla l-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2) biex tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji li l-istrument awtentiku jipproduċi fl-Istat Membru tal-oriġini.

2. Kwalunkwe kontestazzjoni marbuta mal-awtentiċità ta' strument awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont il-liġi ta' dak l-Istat. L-istrument awtentiku kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ieħor sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.

3. Kull kontestazzjoni marbuta mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati li jkollhom il-ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont il-liġi applikabbli taħt il-Kapitolu III. L-istrument awtentiku li jkun ġie kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ħlief l-Istat Membru tal-oriġini fir-rigward tal-materja li tkun qed tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.

4. Jekk l-eżitu tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali relatata mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku fi kwistjonijiet ta' effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, dik il-qorti għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

Artikolu 59

Eżekutorjetà ta' strumenti awtentiċi

1. Strument awtentiku li jkun eżekutorju fl-Istat Membru tal-oriġini għandu jiġi ddikjarat bħala eżekutorju fi Stat Membru ieħor wara talba minn kwalunkwe parti interessata skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 44 sa 57.

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 45(3) l-awtorità li tkun stabbiliet l-istrument awtentiku għandha, wara talba minn kwalunkwe parti interessata, toħroġ attestazzjoni billi tuża l-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2).

3. Il-qorti li jkun ġie ppreżentat appell quddiemha skont l-Artikolu 49 jew l-Artikolu 50 għandha tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà biss jekk l-eżekuzzjoni tal-istrument awtentiku tkun manifestament kuntrarja għall-ordni pubbliku (*ordre public*) fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

Artikolu 60

Eżekutorjetà ta' soluzzjonijiet bil-qorti

1. Soluzzjonijiet bil-qorti li jkunu eżekutorji fl-Istat Membru tal-oriġini għandhom jiġu ddikjarati bħala eżekutorji fi Stat Membru ieħor wata talba minn kwalunkwe parti interessata skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 44 sa 57.

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 45(3) il-qorti li tkun approvat is-soluzzjoni jew li s-soluzzjoni tkun ġiet konkluża quddiemha għandha, wara talba minn kwalunkwe parti interessata, toħroġ attestazzjoni billi tuża l-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2).

3. Il-qorti li jkun ġie ppreżentat appell quddiemha skont l-Artikolu 49 jew l-Artikolu 50 għandha tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà biss jekk l-eżekuzzjoni tas-

soluzzjoni bil-qorti tkun manifestament kuntrarja għall-ordni pubbliku (*ordre public*) fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.

Kapitolu VI:
Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 61

Legalizzazzjoni u formalitajiet simili oħrajn

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra ma għandha tkun meħtieġa fir-rigward ta' dokumenti maħruġa fi Stat Membru fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 62

Relazzjonijiet mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet bilaterali jew multilaterali li Stat Membru wieħed jew aktar ikunu partijiet tagħhom meta jiġi adottat dan ir-Regolament u li jittrattaw kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 351 tat-Trattat.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan ir-Regolament għandu, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, jieħu preċedenza fuq il-konvenzjonijiet li jirrigwardaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament u li l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom.

Artikolu 63

Informazzjoni disponibbli għall-pubbliku

Sabiex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni sommarju qasir tal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali tagħhom rigward l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, inkluża informazzjoni dwar it-tip ta' awtorità li għandha kompetenza f'dawn il-kwistjonijiet u l-effetti fir-rigward tal-partijiet terzi msemmija fl-Artikolu 28.

L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni kontinwament aġġornata.

Artikolu 64

Informazzjoni dwar dettalji ta' kuntatt u proċeduri

1. Sa ...[*], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni:

   (a) il-qrati jew l-awtoritajiet b'kompetenza sabiex jittrattaw talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 44(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar talbiet ta' dan it-tip skont l-Artikolu 49(2);

   (b) il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fl-appell imsemmija fl-Artikolu 50;

   L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti f'dik l-informazzjoni.

[*] OJ: please insert the date: 9 months before the date of application of this Regulation.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-indirizzi u dettalji ta' kuntatt oħra tal-qrati u l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni kollha kkomunikata skont il-paragrafu 1 pubblikament disponibbli b'mezzi xierqa, b'mod partikolari bin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Artikolu 65

Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-lista li fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2)

1. Il-Kummissjoni, abbażi tan-notifiki mill-Istati Membri, għandha tistabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħra msemmija fl-Artikolu 3(2).

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidliet sussegwenti fl-informazzjoni li tinsab f'dik il-lista. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista skont dan.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u kwalunkwe emenda sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni kollha nnotifikata skont il-paragrafi 1 u 2 pubblikament disponibbli bi kwalunkwe mezz ieħor xieraq, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Artikolu 66

Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-formoli msemmija fl-Artikoli 45(3)(b), 58, 59 u 60

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli msemmija fl-Artikoli 45(3)(b), 58, 59 u 60. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 67(2).

Artikolu 67

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 68

Klawżola ta' rieżami

1. Mhux aktar tard minn tmien snin wara d-data tal-applikazzjoni, u sussegwentement kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposti sabiex dan ir-Regolament jiġi emendat.

2. Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 9 u 38 ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari kemm dawn l-artikoli jkunu żguraw l-aċċess għall-ġustizzja.

3. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-qrati tagħhom**.**

Artikolu 69
Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-proċeduri legali mibdija, għall-istrumenti awtentiċi mfassla jew irreġistrati b'mod formali u għas-soluzzjonijiet bil-qorti approvati jew konklużi fi d-data tal-applikazzjoni tiegħu jew wara, soġġett għall-paragrafi 2 u 3

2. Madankollu, jekk il-proċedimenti fl-Istat Membru ta' oriġini jkunu nbdew qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-deċiżjonijiet mogħtija wara din id-data għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti skont l-Kapitolu IV, sakemm ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni li jiġu applikati jkunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu II.

3. Il-Kapitolu III għandu japplika biss għas-sħab li jirreġistraw is-sħubija tagħhom jew li jispeċifikaw il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**.**

Artikolu 70
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn ...[30], ħlief għall-Artikoli 63 u 64 li għandhom japplikaw minn ...[31], u l-Artikoli 65, 66 u 67, li għandhom japplikaw minn ... .[32]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri parteċipanti skont it-Trattati.

Magħmul fi,
Għall-Kunsill

Il-President

[30] Sentejn u nofs wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.
[31] Disa' xhur qabel id-data tal-applikazzjoni
[32] L-għada tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.